KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
KOKOTT
ippreżentati fit-8 ta' Mejju 2008 [1]

I — Introduzzjoni

1. F'din il-kawża l-Qorti tal-Ġustizzja trid tiddeċiedi x'relazzjoni hemm bejn il-protezzjoni tad-data u l-libertà tal-istampa, jiġifieri l-libertà ta' espressjoni. Meta nħarġet id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-24 ta' Ottubru 1995, dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data [2] (aktar 'il quddiem id-"Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data") il-leġiżlatur kien konxju tal-possibbiltà ta' kunflitt bejn dawn iż-żewġ drittijiet fundamentali u għalhekk fl-Artikolu 9 l-Istati Membri ġew inkarigati biex jistabbilixxu bilanċ bejn iż-żewġ drittijiet. B'mod partikolari fil-konfront tal-mezzi ta' komunikazzjoni, l-Istati Membri kellhom jistabbilixxu d-derogi neċessarji għall-protezzjoni tad-data. Issa tinqala' l-kwistjoni jekk dawn id-dispożizzjonijiet ta' deroga humiex applikabbli għall-publikazzjoni, taħt il-forma ta' lista, tad-data ta' natura fiskali dwar ċittadini Finlandiżi, li tinkludi informazzjoni dwar id-dħul u l-patrimonju tagħhom, kif ukoll għall-fatt li dik id-data tkun disponibbli permezz ta' servizz ta' SMS għat-telekomunikazzjoni mobbli.

II — Il-kuntest ġuridiku

A — *Id-dritt Komunitarju*

2. L-Artikolu 2(a), (b) u (ċ) tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data jiddefinixxi l-kunċetti ċentrali ta' data personali, l-ipproċessar u sistema ta' ħażna :

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva

1 — Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

2 — ĠU L 281, p. 31, emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' Settembru 2003, li jadatta għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE d-dispożizzjonijiet dwar kumitati li jassistu lill-Kummissjoni fl-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni tagħha stabbiliti fi strumenti suġġetti għall-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat tal-KE, ĠU L 284, p. 1.

a) ‘data personali’ tfisser kull data li jkollha x’taqsam ma’ persuna naturali identifikata jew identifikabbli (‘suġġett tad-data’); persuna identifikabbli huwa min jista’ jkun identifikat, direttament jew indirettament, partikolarment b’referenza għal numru ta’ identità jew għal fattur wieħed speċifiku jew aktar dwar l-identità fiżika, fiżjoloġika, mentali, ekonomika, kulturali jew soċjali tiegħu;

b) ‘ipproċessar ta’ data personali’ (‘ipproċessar’) tfisser kull operazzjoni jew sett ta’ operazzjonijiet li jsiru fuq data personali, b’mezzi awtomatiċi jew mingħajrhom, bħalma huma l-ġbir, reġistrazzjoni, organizzazzjoni, ħażna, adattament jew bdil, rkupru, konsultazzjoni, użu, żvelar bi trasmissjoni, tixrid jew li xorta’oħra jagħmlu l-ipproċessar disponibbli jew li jġibu allineament, taħlita, imblokk, tħassir jew distruzzjoni;

c) ‘sistema ta’ ħażna ta’ data personali’ (‘sistema ta’ ħażna’) tfisser sett strutturat ta’ data personali li jkun aċċessibbli skond kriterji speċifiċi, kemm jekk ċentraliżżat, di-ċentraliżżat jew imferrex fuq bażi funzjonali jew ġeografika”.

3. Minn din id-definizzjoni l-Artikolu 3(1) jirregola l-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva:

“Din id-Direttiva għandha tkun applikabbli għall-ipproċessar ta’ data personali fl-intier tiegħu jew parti minnu b’mezzi awtomatiċi, u għall-ipproċessar b’mezzi oħra mhux awtomatiċi ta’ data personali li tagħmel parti minn sistema ta’ skedar jew li tkun maħsuba li tagħmel parti minn sistema ta’ skedar”.

4. Ir-relazzjoni bejn il-protezzjoni tad-data personali u l-libertà ta’ espressjoni u tal-istampa hija rregolata mill-Artikolu 9:

“Stati Membri għandhom jipprovdu għal eżenzjonijiet jew derogi mid-dispożizzjonijiet ta’ dan il-Kapitolu, il-Kapitolu IV u l-Kapitolu V dwar l-ipproċessar ta’ data personali magħmul biss għal għanijiet ġurnalistiċi jew għall-iskop ta’ espressjoni artistika jew letterarja jekk dawn ikunu meħtieġa biss biex jirrikonċiljaw id-dritt tal-ħajja privata marregoli li jirregolaw il-libertà ta’ l-espressjoni”.

5. Din id-dispożizzjoni hija spjegata fis-17 u s-37 premessa:

"(17) Billi, sa fejn għandu x'jaqsam l-ipproċessar ta' data audio-viżwali li jsir għal għanijiet ta' ġurnaliżmu jew għal għanijiet ta' espressjoni letterarja jew artistika, partikolarment fil-qasam audio-viżiv, il-prinċipji tad-Direttiva għandhom japplikaw b'mod ristrett skond id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 9.

[…]

(37) Billi l-ipproċessar ta' data personali għal għanijiet ta' ġurnaliżmu jew għal għanijiet ta' espressjoni letterarja jew artistika, partikolarment fil-qasam audio-viżwali, għandu jikkwalifika għal eżenzjoni minn ċerti dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva meta dan ikun meħtieġ biex issir rikonċiljazzjoni bejn id-drittijiet fundamentali ta' individwi u l-libertà ta' l-informazzjoni, u l-iktar mad-dritt li tingħata u tintbagħat informazzjoni, kif garantita partikolarment bl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali; billi Stati Membri għandhom għalhekk jistabbilixxu eżenzjonijiet u derogi meħtieġa għall-fini ta' bilanċ bejn id-drittijiet fundamentali dwar miżuri ġenerali ta' leġitimità ta' l-ipproċessar tad-data, miżuri dwar it-trasferiment ta' data lil pajjiżi terzi u s-setgħat ta' l-awtorità ta' superviżjoni; billi dan iżda m'għandux iwassal lil Stati Membri li jistabbilixxu eżenzjonijiet mill-miżuri li jassiguraw is-sigurtà ta' l-ipproċessar; billi l-awtorità ta' superviżjoni responsabbli għal dan is-settur għandha wkoll mill-inqas tkun provduta b'ċerti poteri ex-post, e.g. li tippubblika rapport regolari jew li tirreferi affarijiet lill-awtoritajiet ġudizjarji".

6. L-Artikolu 17(1) jirregola r-rekwiżiti dwar is-sigurtà tal-ipproċessar tad-data:

"Stati Membri għandhom jipprovdu li l-kontrollur għandu jimplimenta miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex jagħtu protezzjoni lil data personali kontra distruzzjoni aċċidentali jew illegali jew telf aċċidentali, tibdil, żvelar jew aċċess mhux awtorizzat, partikolarment meta l-ipproċessar ikollu x'jaqsam mat-trasmissjoni ta' data fuq network, u kontra kull forma oħra illegali ta' ipproċessar.

Meħud kont ta' l-iktar teknika avvanzata u n-nefqa biex ikunu implimentati, dawn il-miżuri għandhom jassiguraw livell xieraq ta' sigurtà kontra r-riskji li l-ipproċessar u n-natura tad-data li għandha tkun protetta iġibu magħhom".

7. Il-paragrafi suċċessivi tal-Artikolu 17 jirregolaw l-applikazzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti għall-ipproċessar tad-data minn terzi.

B — *Id-dritt nazzjonali*

8. Il-Kostituzzjoni Finlandiża (*Perustuslaki*) tiggarantixxi fl-Artikolu 10(1) il-protezzjoni tal-ħajja privata kif ukoll, fl-Artikolu 12, il-libertà ta' espressjoni u l-aċċess tal-pubbliku għall-informazzjoni li l-awtoritajiet statali jkollhom fil-pussess tagħhom.

"Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà ta' espressjoni. Il-libertà ta' espressjoni tinkludi d-dritt li wieħed jesprimi, jippubblika u jirċievi opinjonijiet u messaġġi oħrajn mingħajr ebda ċensura minn qabel. Għandhom jiġu adottati bil-liġi dispożizzjonijiet aktar preċiżi fuq l-eżerċizzju tal-libertà ta' espressjoni. Jistgħu jiġu adottati bil-liġi limitazzjonijiet dwar programmi televiżivi għal raġunijiet marbutin mal-protezzjoni tal-minuri.

Dokumenti u reġistrazzjonijiet oħrajn fil-pussess tal-awtoritajiet huma pubbliċi sakemm il-karattru pubbliku tagħhom ma jkunx ġie limitat speċifikament għal raġunijiet indispensabbli. Kulħadd għandu d-dritt li jikseb informazzjoni fuq dokumenti u reġistrazzjonijiet pubbliċi".

9. Skont l-Artikolu 5(1) tal-liġi fuq l-aċċess għad-data ta' natura fiskali u l-kunfidenzjalità tagħha, (Laki verotustietojen julkisuudesta ja salassapidosta) id-data ta' natura pubblika li tinsab fl-att tat-tassazzjoni ta' kull sena tinkludi l-isem tal-persuna taxxabbli, id-data tat-twelid tagħha u l-komun fejn toqgħod. Hija pubblika, fost affarijiet oħra, id-data li ġejja:

1. id-dħul minn xogħol taxxabbli għall-finijiet tat-taxxa statali;

2. id-dħul minn kapital u patrimonju taxxabbli għall-finijiet tat-taxxa statali;

3. id-dħul taxxabbli għall-finijiet tat-taxxa komunali;

4. l-ammont globali tat-taxxa fuq id-dħul u fuq il-patrimonju, tat-taxxa komunali kif ukoll tat-taxxi imposti.

10. Bħala regola, l-awtoritajiet jibagħtu din l-informazzjoni oralment wara li ssir talba; id-dokument jista' madankollu jintwera għall-finijiet ta' konsultazzjoni, biex jiġi kkuppjat jew jinstema', jew tista' tinkiseb kopja jew estratt. Dwar l-għoti ta' informazzjoni li tinsab fis-sistema ta' ħażna tad-data personali ta' awtorità japplika dan li ġej (l-Artikolu 16(3) tal-Liġi Ġenerali fuq l-aċċess għall-informazzjoni, Julkisuuslaki) :

"Huwa possibbli li jinkisbu mis-sistema ta' ħażna ta' data personali ta' awtorità kopja jew estratt li jkun fihom data personali jew id-data relattiva f'format elettroniku, meta din il-liġi ma tipprovdix mod ieħor, jekk id-destinatarju jkun awtorizzat, skont id-dispożizzjonijiet fuq il-protezzjoni tad-data personali, li jaħżen u jipproċessa din id-data. Id-data personali tista' tingħata wkoll għall-finijiet ta' kummerċjalizzazzjoni diretta kif ukoll għal stħarriġ tal-opinjoni pubblika jew riċerka tas-suq imma biss jekk dan ikun previst speċifikament jew jekk is-suġġett tad-data jkun ta l-kunsens tiegħu".

11. Il-Finlandja ttrasponiet id-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data permezz tal-Henkilötietolaki (Liġi Finlandiża fuq id-data personali). Id-derogi għall-applikazzjoni tagħha li huma rilevanti għal dan il-każ partikolari huma stabbiliti fl-Artikolu 2(4) u (5):

"Din il-liġi ma tapplikax għal sistemi ta' ħażniet ta' data personali li jkun fihom biss materjal ippubblikat diġà mill-mezzi ta' komunikazzjoni u li ma jkunx ġie mibdul.

Għall-ipproċessar tad-data personali għal skopijiet ġurnalistiċi jew ta' espressjoni artistika jew letterarja japplikaw, sa fejn huma applikabbli, l-artikoli 1 sa 4, 32, 39(3), 40(1) u (3), 44(2) 45 sa 47, 48(2) kif ukoll 50 u 51 biss, sakemm ma jirriżultax mod ieħor mill-Artikolu 17".

12. Jidher li, fost dawn id-dispożizjonijiet l-unika waħda rilevanti għall-finijiet tar-risposta għad-domandi inkwistjoni hija dik fl-Artikolu 32(1):

"Min ikun responsabbli mis-sistema ta' ħażna għandu l-obbligu li jimplementa miżuri tekniċi u organizzattivi li huma indispensabbli għall-protezzjoni tad-data personali minn aċċess inġustifikat, telf aċċidentali, distruzzjoni, tibdil, ċessjoni jew trasferiment illegali, jew kwalunkwe proċessar illegali tad-data. Fl-implementazzjoni ta' dawn il-miżuri jeħtieġ li jitqiesu l-possibbiltajiet tekniċi disponibbli, l-ispejjeż ikkawżati mill-miżuri stess, in-natura, l-entità u kemm hi qadima d-data li għandha tiġi pproċessata kif ukoll l-effett tal-ipproċessar stess fuq il-ħajja privata".

III — Il-fatti, il-proċeduri nazzjonali u d-domandi preliminari

13. Skont l-informazzjoni tal-qorti tar-rinviju, Satakunnan Markkinapörssi Oy ġabret data fiskali dwar individwi li kienet disponibbli għand l-awtoritajiet tat-taxxa sabiex tużaha sussegwentement. Abbażi ta' din id-data din l-impriża kienet tippubblika kull sena, fuq il-kopertina ta' gazzetta, lista li kien fiha data fiskali dwar madwar 1.2 miljun persuna fiżika.

14. Din id-data fiha l-isem u l-kunjom tal-persuna u d-data fiskali, b'marġni ta' approssimazzjoni ta' EUR 100, fuq id-dħul minn xogħol u kapital kif ukoll fuq il-patrimonju tagħha. Din id-data kienet tidher f'pubblikazzjonijiet reġjonali (fl-2001 kien hemm 16) u kienet ikklassifikati f'ordni alfabetiku għal kull komun u kategorija ta' dħul.

15. Il-limitu inferjuri [ta' dħul] fir-rigward ta' data għall-pubblikazzjoni ġie stabbilit għal kull komun. Per eżempju għal Ħelsinki ntgħażel limitu ta' EUR 36 000 għad-dħul minn xogħol, filwaqt li f'komuni iżgħar dan kien aktar baxx.

16. L-għan ewlieni tar-rivista kien il-pubblikazzjoni ta' data fiskali. Hija fiha wkoll avviżi, sinteżijiet u artikoli oħrajn. Meta tiġi mqabbla mal-informazzjoni fiskali, din il-parti evidentement tokkupa spazju iżgħar.

17. Satakunnan Markkinapörssi Oy teżiġi l-ħlas ta' tariffa għat-tħassir mir-rivista tad-data personali. Madankollu, skont l-impriża, dan il-ħlas mhuwiex kundizzjoni biex isir it-tħassir.

18. Satakunnan Markkinapörssi Oy kienet tagħti, fil-forma ta' CD-ROM, id-data personali ppubblikata lil Satamedia Oy. Din tal-aħħar kienet kumpannija oħra li kienet proprjetà tal-istess azzjonisti.

19. Satamedia Oy u Satakunnan Markkinapörssi Oy ftiehmu ma' impriża terza, kumpannija tat-telefonija mobbli, fuq it-twettiq tekniku ta' servizz ta' messaġġi (short message service — SMS). Għal dan l-iskop, Satamedia Oy kienet tagħti id-data inkwistjoni lil din l-impriża li kienet topera s-servizz ta' SMS għan-nom ta' Satamedia Oy.

20. Permezz ta' dan is-servizz, min juża t-telefown ċellulari jibgħat dan il-messaġġ: TAXXA ISEM KUNJOM KOMUN TA' RESIDENZA (per eżempju TAXXA MATTI MEIKÄLÄINEN HELSINKI) lil numru partikolari. Bħala risposta tintbagħat lit-telefown ċellulari d-data fuq id-dħul minn xogħol u kapital kif ukoll fuq il-patrimonju, b'marġni ta' approssimazzjoni ta' EUR 100. Fl-2004, is-servizz kien jippermetti wkoll li tintwera anki d-data fuq min għandu l-istess isem kif ukoll data komparattiva fost il-komuni rispettivi. Għall kull messaġġ irċevut jintalab il-ħlas ta' tariffa. Jekk jintalab li jsir hekk, l-impriża telimina wkoll xi data mis-servizz tal-SMS.

21. L-Ombudsman Finlandiż għall-protezzjoni tad-data, it-*Tietosuojavaltuutettu,* stħarreġ l-attività ta' Satakunnan Markkinapörssi Oy u ta' Satamedia Oy u talab lill-Kummissjoni fuq il-Protezzjoni tad-Data Personali,

a) li Satakunnan Markkinapörssi Oy tiġi pprojbita milli,

— tiġbor, tirreġistra jew tipproċessa b'mod ieħor data fuq id-dħul minn xogħol u kapital kif ukoll fuq il-patrimonju tal-individwi b'mod daqstant wiesa' u analogu għal dak li seħħ fir-rigward tad-data fiskali għas-sena 2001 u

— tagħti din id-data personali, miġbura u rreġistrata minnha għal finijiet apparentement ġurnalistiċi, biex tintuża għal servizz ta' SMS jew għal skopijiet oħrajn;

b) li Satamedia Oy tiġi pprojbita milli tiġbor u tirreġistra kif ukoll tagħti għall-finijiet tas-servizz ta' SMS jew għal skopijiet oħrajn, data personali miksuba missistemi ta' ħażna ta' Satakunnan Markkinapörssi Oy.

22. Il-Kummissjoni għall-Protezzjoni tad-Data Personali ċaħdet it-talba. Ir-rikors ippreżentat kontra din id-deċiżjoni ġie miċħud fl-ewwel istanza. Għaldaqstant, il-Kontrollur għall-protezzjoni tad-data appella quddiem il-*Korkein hallinto-oikeus*, it-tribunal Finlandiż tal-aħħar istanza.

23. Abbażi ta' dan l-appell, il-Korkein hallinto-oikeus, skont l-Artikolu 234 KE, għamel

lill-Qorti tal-Ġustizzja dawn id-domandi preliminari:

"1. Għandha tiġi kkunsidrata bħala pproċessar ta' data personali skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 95/46/KE attività li tikkonsisti:

a) fil-ġbir ta' data fuq id-dħul minn xogħol u kapital kif ukoll fuq il-patrimonju ta' individwi minn dokumenti pubbliċi tal-awtoritajiet tat-taxxa u fl-ipproċessar tagħha għall-finijiet ta' pubblikazzjoni;

b) fil-fatt li d-data tiġi ppubblikata f'ordni alfabetika u skont il-klassi tad-dħul, fil-forma ta' listi dettaljati kklassifikati skont il-komun;

c) fil-fatt li d-data titqassam ukoll fuq CD-ROM biex tiġi pproċessata għal finijiet kummerċjali;

d) fil-fatt li d-data tiġi pproċessata għall-finijiet ta' servizz ta' SMS li jippermetti lil min juża telefown ċellulari, wara li jibgħat l-isem u r-residenza ta' persuna, jikseb b'risposta data fuq id-dħul minn xogħol u kapital kif ukoll fuq il-patrimonju ta' dik il-persuna?

2) Id-Direttiva 95/46/KE għandha tiġi interpretata fis-sens li d-diversi attivitajiet imsemmijin aktar 'il fuq fis-subparagrafi 1a sa 1d jistgħu jiġu kkunsidrati bħala pproċessar ta' data personali magħmul biss għal għanijiet ġurnalistiċi skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva, meta jitqies il-fatt li d-data inkwistjoni, li tikkonċerna aktar minn miljun persuna taxxabbli, inġabret minn dokumenti pubbliċi skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali fuq l-aċċess tal-pubbliku għall-informazzjoni? Għall-finijiet tal-kunsiderazzjoni tal-kawża hu rilevanti l-fatt li l-għan prinċipali tal-attività hija l-pubblikazzjoni ta' din id-data?

3) L-Artikolu 17 tad-Direttiva 95/46/KE, moqri flimkien mal-prinċipji u l-għanijiet tal-istess Direttiva, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-pubblikazzjoni ta' data miġbura għal għanijiet ġurnalistiċi u l-għoti ulterjuri tagħha għal skopijiet kummerċjali?

4) Id-Direttiva 95/46/KE għandha tiġi interpretata fis-sens li huma totalment esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha s-sistemi ta' ħażna ta' data personali li jkun fihom biss materjal ippubblikat mill-mezzi ta' komunikazzjoni li ma jkunx ġie mibdul?"

24. Satakunnan Markkinapörssi Oy u Satamedia Oy flimkien, l-Estonja, il-Portugall, il-Finlandja, l-Iżvezja kif ukoll il-Kummissjoni ressqu noti ta' osservazzjonijiet. Fis-seduta tat-12 ta' Frar 2008 ħa sehem ukoll il-Kontrollur għall-protezzjoni tad-data Finlandiż filwaqt li l-Portugall kien assenti.

25. Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ċaħad it-talba ta' intervent fil-proċedimenti li ppreżenta l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, għaliex dan l-intervent mhuwiex ikkontemplat fil-proċeduri ta' domandi preliminari u l-Kontrollur għall-Protezzjoni tad-Data mhuwiex msemmi bħala parti fil-kawża fl-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja [3].

3 — Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Settembru 2007, Satakunnan Markkinapörssi Oy u Satamedia Oy (C-73/07, Ġabra p. I-7075, punti 2 *et seq*).

IV — Il-kunsiderazzjonijiet legali

26. Għandu li jiġi vverifikat fil-proċedimenti *a quo* jekk il-protezzjoni tad-data timpedixxix it-tixrid ta' data fiskali min-naħa ta' Satakunnan Markkinapörssi Oy u ta' Satamedia Oy. Għal din ir-raġuni l-qorti tar-rinviju fl-*ewwel domanda* tistaqsi, jekk l-iproċessar ta' data fiskali deskritt aktar 'il fuq jidħolx fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data u, jekk iva, b'liema mod.

27. Skont l-Artikolu 2(5) tal-Liġi Finlandiża fuq id-data personali, fir l-ipproċessar tad-data personali għal għanijiet ġurnalistiċi hu suġġett biss għal dispożizzjonijiet partikolari fil-qasam tal-protezzjoni tad-data. L-unika restrizzjoni fuq l-ipproċessar tidher li hija dik stabbilita fl-Artikolu 32(1) li jsemmi r-rekwiżiti dwar is-sigurtà tal-ipproċessar irregolat mill-Artikolu 17 tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data. It-*tielet domanda* għandha l-għan li tikseb deċiżjoni rigward l-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

28. Bit-*tieni domanda*, il-qorti tar-rinviju ssegwi metodu ieħor għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet fir-rigward tal-protezzjoni tad-data, u preċiżament l-interpretazzjoni tal-Artikolu 9 tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data. Dan jobbliga lill-Istati Membri li

jirrikonċiljaw il-libertà ta' espressjoni mad-dritt għall-ħajja privata. Dan għandu jsir permezz ta' derogi għall-protezzjoni tad-data, sakemm l-ipproċessar tad-data personali jitwettaq biss għal għanijiet ġurnalistiċi jew ta' espressjoni artistika jew letterarja. Għalhekk qed jiġi mistoqsi jekk u sa fejn l-għanijiet ġurnalistiċi jistgħu jiġu rrikonoxxuti.

29. Ir-*raba' domanda* għandha tiċċara l-kompatibbiltà mad-dritt Komunitarju ta' deroga Finlandiża oħra għall-protezzjoni tad-data jiġifieri dik stabbilita mill-Artikolu 2(4) talliġi fuq data personali fir-rigward tal-ipproċessar ta' data pubblika.

A — *Fuq l-ewwel domanda — L-ipproċessar ta' data personali*

30. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi l-ewwel nett jekk il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva fuq il-protezjoni tad-data japplikax fir-rigward tad-diversi attivitajiet ta' Satakunnan Markkinapörssi Oy u ta' Satamedia Oy.

31. Il-qorti u l-partijiet fil-kawża jaqblu bir-raġun fuq il-fatt li l-pubblikazzjoni tad-data fiskali u d-disponibbiltà tagħha fil-forma ta' servizz ta' SMS għandhom jiġu kkunsidrati bħala pproċessar ta' data personali skont l-Artikolu 2(a) u (b) tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data.

32. Dan il-każ jirrigwarda data personali billi l-informazzjoni fuq id-dħul, il-patrimonju u t-taxxi hi marbuta ma' persuni partikolari. Kemm il-pubblikazzjoni kif ukoll id-disponibbiltà tagħha fil-forma ta' servizz ta' SMS jippresupponu operazzjonijiet ta' tip differenti, bħal per eżempju l-ġbir, ir-reġistrazzjoni, l-organizzazzjoni, il-ħażna, l-iżvelar bi trasmissjoni, it-tixrid jew kwalunkwe mezz ieħor li permezz tiegħu d-data titqiegħed għad-dispożizzjoni ta' terzi skont l-Artikolu 2 (b) tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data.

33. Minbarra dan, l-applikazzjoni tad-Direttiva tippresupponi, skont l-Artikolu 3(1), ipproċessar ta' data awtomatizzat għal kollox jew b'mod parzjali jew għall-inqas l-ipproċessar mhux awtomatizzat ta' data personali li tinsab fi jew li hija intiża biex tkun inkluża fissistemi ta' ħażna. Sistema ta' ħażna tfisser ġabra strutturata ta' data personali li tkun aċċessibbli skont kriterji speċifiċi.

34. Huwa probabbli li l-proċeduri tal-ipproċessar indikati mill-qorti tar-rinviju huma awtomatizzati, tal-anqas parzjalment, għall-inqas fejn ma jitqiesx l-għoti tas-CD-Roms. Madankollu, l-awtomatizzazzjoni tal-għoti

ma teħtieġx kjarifikazzjoni ulterjuri billi l-pubblikazzjoni fuq il-karta tad-data fiskali tikkostitwixxi sistema ta' ħażna u l-komunikazzjoni fil-forma ta' servizz ta' SMS tippresupponi li jkun hemm konsultazzjoni ta' sistema ta' ħażna. Għaldaqstant hawnhekk insibu, għal dak li jirrigwarda l-attivitajiet kollha msemmijin — inkluża l-komunikazzjoni permezz ta' CD-ROM — ipproċessar ta' data personali li tinsab jew li hija intiża biex tkun inkluża fis-sistema ta' ħażna.

35. Għalhekk, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda hi li għandha tiġi kkunsidrata bħala pproċessar ta' data personali skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data attività li tikkonsisti, kif deskritt fid-domanda preliminari,

a) fil-ġbir ta' data fuq id-dħul minn xogħol u kapital kif ukoll fuq il-patrimonju ta' individwi minn dokumenti pubbliċi tal-awtoritajiet tat-taxxa u fl-ipproċessar tagħha għall-finijiet ta' pubblikazzjoni,

b) fil-fatt li d-data tiġi ppubblikata f'ordni alfabetika u skont il-klassi tad-dħul, fil-forma ta' listi dettaljati kklassifikati skont il-komun,

c) fil-fatt li d-data titqassam ukoll fuq CD-ROM biex tiġi pproċessata għal finijiet kummerċjali jew

d) fil-fatt li d-data tiġi pproċessata għall-finijiet ta' servizz ta' SMS li jippermetti lil min juża telefown ċellulari, wara li jibgħat l-isem u r-residenza ta' persuna, jikseb b'risposta data fuq id-dħul minn xogħol u kapital kif ukoll fuq il-patrimonju ta' dik il-persuna.

B — *Fuq it-tieni domanda — id-deroga għal attivitajiet ġurnalistiċi*

36. Bit-tieni domanda l-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-attivitajiet inkwistjoni jistgħux jiġu kkunsidrati bħala pproċessar ta' data personali magħmul biss għal għanijiet ġurnalistiċi skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data. Din id-dispożizzjoni hija l-bażi ġuridika għall-applikazzjoni, mill-Istati Membri, tal-hekk imsejjaħ privileġġ mogħti lill-istampa u lill-mezzi ta' komunikazzjoni [4]. Skont dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jipprovdu għal eżenzjonijiet jew derogi

4 — Ara rigward dawn il-kunċetti Stefan Walz, § 41, punt 1, fi: Spiros Simitis, *Bundesdatenschutzgesetz*, 6 Ed., Baden Baden 2006, u Friederike Neunhoeffer, *Das Presseprivileg im Datenschutzrecht*, Tübingen 2005.

mid-dispożizzjonijiet tal-Kapitoli II, IV u V tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data, fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali magħmul biss għal għanijiet ġurnalistiċi jew għall-iskop ta' espressjoni artistika jew letterarja jekk dawn ikunu meħtieġa biss biex id-dritt għall-ħajja privata jiġi rrikonċiljat mar-regoli li jirregolaw il-libertà ta' espressjoni. It-tieni domanda għalhekk għandha x'taqsam mal-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-deroga.

Fuq id-drittijiet fundamentali rilevanti

37. L-interpretazzjoni tal-Artikolu 9 tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data għandha ssir fid-dawl tad-drittijiet fundamentali li għandhom jiġu rrikonċiljati permezz tal-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni. F'dan ir-rigward, il-qrati Komunitarji għandhom jikkunsidraw b'mod speċjali l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem [5].

38. Id-diritt Komunitarju jiggarantixxi d-dritt għal-libertà ta' espressjoni protett mill-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (aktar 'il quddiem il-"KEDB") [6]. Dan id-dritt huwa rrikonoxxut ukoll fl-Artikolu 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea [7], ipproklamata f'Nizza fis-7 ta' Diċembru 2000 (aktar 'il quddiem il-"Karta"). B'mod konformi mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [8] u l-Protokoll dwar is-sistema tax-xandir pubbliku fl-Istati Membri [9], huwa previst, b'mod partikolari fl-Artikolu 11(2) tal-Karta li għandhom jiġu rrispettati l-libertà tal-mezzi ta' komunikazzjoni u l-pluraliżmu tagħhom.

39. Il-libertà ta' espressjoni mhijiex limitata għall-espressjoni ta' opinjonijiet, imma tinkludi espressament, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 10(1) KEDB u l-ewwel parti tal-Artikolu 11(1) tal-Karta, fis-sens ta' libertà ta' komunikazzjoni, il-libertà li persuna tirċievi jew tagħti informazzjoni jew ideat. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, f'ġurisprudenza kostanti, tenfasizza li l-libertà ta' espressjoni tapplika mhux biss fir-rigward ta' informazzjoni jew l-ideat aċċettati favorevolment jew ikkunsidrati bħala mhux offensivi jew indifferenti, imma wkoll fir-rigward ta' dawk l-ideat u informazzjoni li jiddisturbaw, jiskonvolġu jew jinkwetaw lill-Istat jew parti

5 — Sentenzi tal-15 ta' Ottubru 2002, Limburgse Vinyl Maatschappij *et* vs Il-Kummissjoni (Kawżi magħquda C-238/99 P, C-244/99 P, C-245/99 P, C-247/99 P, minn C-250/99 P sa C-252/99 P u C-254/99 P, Ġabra 2002, p. I-8375, punt 274), kif ukoll tad-29 ta' Ġunju 2006, Il-Kummissjoni vs SGL Carbon AG (C-301/04 P, Ġabra p. I-5915, punt 43).

6 — Sentenzi tat-18 ta' Ġunju 1991, ERT (C-260/89, Ġabra p. I-2925, punt 44); tal-25 ta' Lulju 1991, Collectieve Antennevoorziening Gouda (C-288/89, Ġabra p. I-4007, punt 23); tal-25 ta' Lulju 1991, Il-Kummissjoni vs L-Olanda (C-353/89, Ġabra p. I-4069, punt 30), kif ukoll tat-13 ta' Diċembru 2007, United Pan-Europe Communications Belgium *et* (C-250/06, Ġabra p. I-11135, punt 41).

7 — ĠU C 364, p. 1. Imtenni b'adattamenti mill-proklamazzjoni tat-12 ta' Diċembru 2007, ĠU C 303, p. 1.

8 — Ara s-sentenzi ta' Collectieve Antennevoorziening Gouda u United Pan-Europe Communications Belgium *et* (it-tnejn iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 6).

9 — Protokoll anness mat-Trattat KE, ĠU 1997 C 340, p. 109.

mill-popolazzjoni [10]. Anki meta jkunu involuti finijiet kummerċjali, il-libertà ta' espressjoni tipproteġi l-komunikazzjoni ta' informazzjoni u l-manifestazzjoni tal-opinjonijiet [11].

40. Id-dritt fundamentali għall-ħajja privata huwa protett b'mod partikolari mill-Artikolu 8 KEDB u huwa rrikonoxxut mill-Artikolu 7 tal-Karta. Din tipproklama espressament fl-Artikolu 8, il-protezzjoni tad-data personali [12]. Il-komunikazzjoni lil terzi ta' data personali tippreġudika d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tal-persuni kkonċernati, ikun xi jkun l-użu ulterjuri tal-informazzjoni kkomunikata, u tikkostitwixxi indħil skont l-Artikolu 8 tal-KEDB [13].

41. Id-dritt għall-ħajja privata mhuwiex sempliċi dritt ta' difiża fil-konfront ta' indħil mill-Istat, imma jimponi wkoll obbligi pożittivi fuq l-Istat [14]. Għaldaqstant il-Komunità, permezz tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data, estendiet din il-protezzjoni għall-ipproċessar min-naħa ta' individwi privati. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f'dan is-sens ukoll, f'każ li kellu x'jaqsam mal-pubblikazzjoni fil-gazzetti ta' ritratti dwar il-ħajja privata ta' persunaġġ pubbliku, diġà enfasizzat li hemm bżonn ta' attenzjoni akbar fid-dawl ta' progressi tekniċi fir-reġistrazzjoni u l-użu mill-ġdid ta' data personali [15].

42. Ir-restrizzjoni taż-żewġ drittijiet fundamentali hija, bħala regola, ammissibbli f'kundizzjonijiet paragunabbli: għandha tkun stabbilita bil-liġi, issegwi skop leġittimu jew diversi skopijiet leġittimi skont l-Artikolu 8 u 10 KEDB u tkun meħtieġa f'soċjetà demokratika. Dan ifisser li bżonn soċjali urġenti jista' jiġġustifika l-indħil jekk dan ikun proporzjonat mal-iskop leġittimu li għandu jintlaħaq [16].

43. Applikazzjoni riġida tal-protezzjoni tad-data tista' tillimita b'mod konsiderevoli l-libertà ta' espressjoni. B'hekk, li kieku l-mezzi ta' komunikazzjoni jkunu jistgħu jipproċessaw u jippubblikaw informazjoni personali biss wara li jingħata kunsens jew wara li jkunu ġew avżati l-persuni involuti, il-ġurnaliżmu investigattiv jiġi eskluż b'mod konsiderevoli. Min-naħa l-oħra huwa evidenti

10 — Ara, per eżempju, is-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, tas-7 ta' Diċembru 1976, Handyside (Sensiela A, nru 24, punt 49); tal-24 ta' Mejju 1988, Müller *et* (Sensiela A, nru 133, punt 33); tas-26 ta' Settembru 1995, Vogt (Sensiela A, nru 323, punt 52), tat-12 ta' Frar 2008, Guja (li għadha ma ġietx ippubblikata, punt 69), kif ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Marzu 2001, Connolly vs Il-Kummissjoni (C-274/99 P, Ġabra p. I-1611, punt 39).

11 — Sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-22 ta' Mejju 1990, Autronic AG (12726/87, Sensiela A nru 178, punt 47) u tal-24 ta' Frar 1994, Casado Coca (15450/89, Sensiela A nru 285-A, §§ 35 *et seq*) F'dan il-kuntest il-Kummissjoni tirriferi bir-raġun anki għall-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Fenelly tal-15 ta' Ġunju 2000, fil-kawża Il-Ġermanja vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-376/98, Ġabra p. I-8419, punti 153 *et seq*).

12 — F'dan is-sens ukoll hija s-sentenza tad-29 ta' Jannar 2008, Promusicae (C-275/06, Ġabra p. I-271, punt 64).

13 — Sentenza tal-20 ta' Mejju 2003, Österreichischer Rundfunk *et* (Kawżi magħquda C-465/00, C-138/01 u C-139/01, Ġabra p. I-4989, punt 74).

14 — Sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-24 ta' Ġunju 2004, von Hannover, (59320/00, Ġabra tas-sentenzi u deċiżjonijiet 2004-VI, punt 57 u l-ġurisprudenza ċċitata).

15 — Sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, von Hannover (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, punt 70).

16 — Ara fuq il-libertà ta' espressjoni s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' Ġunju 1997, Familiapress (C-368/95, Ġabra p. I-3689, punt 26) u tat-12 ta' Ġunju 2003, Schmidberger (C-112/00, Ġabra p. I-5659, punt 79) kif ukoll is-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem Handyside (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 10, punt 48) u tas-26 ta' Novembru 1991, Observer u Guardian (13585/88, Sensiela A, nru 216, punt 59) kif ukoll, fuq id-dritt għall-ħajja privata, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Lulju 2002, Carpenter (C-60/00, Ġabra p. I-6279, punt 42) u Österreichischer Rundfunk *et* (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, punt 71) u s-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tas-26 ta' Marzu 1987, Leander (9248/81, Sensiela A nru 116,punt 58) tas-27 ta' Mejju 2004, Connors (66746/01, li għadha ma ġietx ippubblikata, punt 81).

li l-mezzi ta' komunikazzjoni jistgħu jiksru d-dritt għall-ħajja privata tal-individwi [17]. Għaldaqstant huwa meħtieġ li jintlaħaq bilanċ.

44. Din is-sitwazzjoni ta' kunflitt bejn id-diversi drittijiet fundamentali imma wkoll bejn il-protezzjoni tad-data u interessi oħrajn ta' karattru ġenerali hija sinjifikattiva għall-interpretazzjoni tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data [18]. Għal din ir-raġuni, id-dispożizzjonijiet korrispondenti tad-Direttiva huma ta' natura relattivament ġenerika. Huma jħallu lill-Istati Membri marġni meħtieġ ta' diskrezzjoni meta jiġu biex jieħdu l-miżuri ta' implementazzjoni li jistgħu jiġu adattati għad-diversi sitwazzjonijiet possibbli [19]. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri għandhom jirrispettaw u jirrikonċiljaw id-drittijiet fundamentali inkwistjoni.

45. Barra minn dan, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-awtoritajiet u l-qrati tal-Istati Membri għandhom mhux biss jinterpretaw id-dritt nazzjonali tagħhom b'mod li jikkonforma mad-direttivi fuq il-protezzjoni tad-data, imma għandhom jieħdu ħsieb ukoll li ma jibbażawx ruħhom fuq interpretazzjoni tagħhom li tkun f'kunflitt mad-drittijiet fundamentali protetti mill-ordinament ġuridiku Komunitarju u mal-prinċipji ġenerali l-oħra tad-dritt Komunitarju [20].

17 — Ara, bħala eżempju, is-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, von Hannover (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, §§ 61 *et seq*).

18 — Ara s-sentenzi tas-6 ta' Novembru 2003, Lindqvist (C-101/01, Ġabra p. I-12971, punti 82 *et seq*), kif ukoll Promusicae (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 12, punti 65 *et seq*).

19 — Ara s-sentenzi Lindqvist (iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 18, punti 83 *et seq*) u Promusicae (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 12, punt 67).

20 — Ara s-sentenzi Lindqvist (iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 18, punt 87) u Promusicae (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna punt 68).

Prerogattiva ta' kunsiderazzjoni fil-livell nazzjonali

46. Filwaqt li timponi kundizzjonijiet fuq il-qrati u l-awtoritajiet nazzjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja hija riżervata ħafna meta tiġi biex tiddetermina l-portata tal-protezzjoni tad-data u biex tikkunsidra d-drittijiet fundamentali kunfliġġenit. Fis-sentenza Promusicae, hija llimitat ruħha biex issemmi biss iżżewġ drittijiet fundamentali u ħalliet f'idejn il-qorti tar-rinviju biex tibbilanċjahom [21]. Fis-sentenza Österreichischer Rundfunk *et* għamlet l-istess ħaġa [22], iżda tat xi indikazzjonijiet lill-qorti tar-rinviju [23].

47. Il-Qorti tal-Ġustizzja kienet riżervata wkoll f'każijiet oħrajn ta' kunflitt bejn il-pożizzjonijiet legali. Fis-sentenza Familiapress kien hemm kunflitt bejn il-moviment liberu tal-merkanzija u projbizzjoni nazzjonali ta' logħob promozzjonali fuq ir-rivisti. Huwa veru li f'dik is-sentenza l-Qorti tal-Ġustizzja esprimiet ruħha b'mod konkret fuq il-ħtieġa ta' ċerti regoli [24]; imma b'mod ġenerali ħalliet f'idejn il-qrati nazzjonali biex jevalwaw jekk dik il-projbizzjoni kinitx proporzjonata għassalvagwardja tal-pluraliżmu tal-istampa u jekk dan l-iskop setax jintlaħaq permezz ta' miżuri anqas restrittivi [25].

21 — Iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 12, punti 61 *et seq*, b'mod partikolari fil-punt 68.

22 — Iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, punti 91 *et seq*.

23 — Iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, punti 86 *et seq*.

24 — Iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16, punt 33.

25 — Iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16, punt 34.

48. Il-Qorti tal-Ġustizzja, f'każ ta' kunflitt bejn il-libertà li jingħataw servizzi u d-dinjità tal-bniedem jew il-moviment liberu tal-merkanzija u l-prinċipji dwar il-protezzjoni tat-tfal u tal-adolexxenti, irrikonoxxiet li hu possibbli li jkun hemmm opinjonijiet differenti imma lkoll leġittimi fl-Istati Membri dwar il-proporzjonalità tar-restrizzjonijiet tal-libertajiet fundamentali biex jiġu protetti l-interessi pubbliċi u b'mod partikolari d-drittijiet fundamentali [26].

49. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà fakkret li hija mitluba tipprovdi lill-qorti nazzjonali risposti utli, u b'mod partikolari li hi kompetenti biex tagħti indikazzjonijiet, idderivati mill-proċess tal-kawża prinċipali kif ukoll mill-osservazzjonijiet bil-miktub u orali li jkunu ntbagħtulha, li jippermettu lil dik il-qorti tiddeċiedi fuq il-kwistjoni konkreta li jkollha quddiemha [27]. Ġeneralment, dawn l-indikazzjonijiet jirriferu b'mod partikolari għal problemi li għandhom jittieżdu inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-eżami tal-proporzjonalità.

50. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tadotta atteġġament prudenti. Il-qrati Komunitarji huma obbligati jikkonkretizzaw drittijiet fundamentali li jkunu f'kunflitt speċjalment meta l-kwistjoni tkun tirrigwarda attivitajiet *transkonfini*. Fejn ikun hemm indikazzjonijiet li ċittadini tal-Unjoni li jeżerċitaw attivitajiet transkonfini jkunu qed jiġu ttrattati b'mod żvantaġġjat, ikun hemm bżonn ta' eżami b'reqqa kbira. Dan jirriżulta mis-sentenzi dwar attivitajiet tas-sindakati li għandhom x'jaqsmu mal-għoti ta' servizzi transkonfini [28], jew it-trasferiment ta' impriżi [29] u mis-sentenzi dwar l-attakki fuq it-trasport ta' frott min-naħa ta' bdiewa li jipprotestaw [30].

51. Lanqas fis-sentenza Schmidberger [31], li kienet tirrigwarda ostaklu għall-moviment liberu tal-merkanzija bejn il-Ġermanja u l-Italja minħabba dimostrazzjoni awtorizzata fuq in-naħa Awstrijaka tal-awtostrada Brennero, ma jingħad il-kuntrarju. Il-Qorti tal-Ġustizzja, għalkemm hawnhekk irrikonoxxiet poter wiesa' diskrezzjonali favur l-awtoritajiet nazzjonali fl-ibbilanċjar tal-moviment liberu tal-merkanzija mal-libertà ta' espressjoni u ta' manifestazzjoni [32], madankollu vverifikat b'mod relattivament iddettaljat ir-riżultat ta' dan il-bilanċ [33], qabel ma ċaħdet l-eżistenza ta' ksur tad-dritt Komunitarju.

52. Meta tiġi applikata d-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data, il-protezzjoni ta' attivitajiet transkonfini hija, madankollu, l-eċċezzjoni. Din id-Direttiva hija bbażata fuq l-Artikolu 95 KE u għandha l-għan għalhekk li timplementa

26 — Sentenzi tal-14 ta' Ottubru 2004, Omega (C-36/02, Ġabra p. I-9609, punti 37 *et seq*), u tal-14 ta' Frar 2008, Dynamic Medien (C-244/06, Ġabra p. I-505, punt 44); ara wkoll is-sentenza tas-6 ta' Novembru 2003, Gambelli *et* (C-243/01, Ġabra p. I-13031, punt 63).

27 — Sentenza tal-11 ta' Diċembru 2007, The International Transport Workers' Federation u The Finnish Seamen's Union (C-438/05, Ġabra p. I-10779, punt 85).

28 — Sentenza tat-18 ta' Diċembru 2007, Laval u Partneri (C-341/05, Ġabra p. I-11767).

29 — Sentenza The International Transport Workers' Federation u The Finnish Se amen's Union (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 27).

30 — Sentenza tad-9 ta' Diċembru 1997, Il-Kummissjoni vs Franza (C-265/95, Ġabra p. I-6959).

31 — Sentenza tat-12 ta' Ġunju 2003, C-112/00 (Ġabra p. I-5659).

32 — Iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 31, punti 82 u 93.

33 — Iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 31, punti 83 *et seq*.

s-suq intern. Madankollu hija tinkludi mhux biss l-ipproċessar transkonfini tad-data, imma anki kwistjonijiet sempliċiment nazzjonali. Kontra dak li sostna l-Avukat Ġenerali Tizzano [34], il-Qorti tal-Ġustizzja ma ddubitatx mill-portata wiesgħa tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data, billi, f'każ ta' limitazzjoni għal sitwazzjonijiet li għandhom elementi transkonfini, ikun hemm il-periklu li l-limiti tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva msemmija jkunu inċerti u aleatorji [35].

53. Minħabba l-kamp wiesa' ta' applikazzjoni tad-Direttiva, li kważi jmur lil hinn mill-implementazzjoni tas-suq intern, il-Qorti tal-Ġustizzja, fl-ibbilanċjar tad-drittijiet fundamentali konfliġġenti fil-kuntest tad-Direttiva, għandha tagħti, bħala regola, poter wiesa' ta' diskrezzjoni lill-Istati Membri u lill-qrati tagħhom, sabiex ikunu jistgħu jiġu enfasizzati t-tradizzjonijiet tagħhom u l-valuri soċjali tagħhom.

54. L-Artikolu 9 tad-Direttiva għandu jiġi interpretat billi jitqiesu dawn il-kunsiderazzjonijiet.

34 — Konklużjonijiet tad-19 ta' Settembru 2002, fil-kawża Lindqvist (C-101/01, Ġabra p. I-12971, punti 35 *et seq*), u tal-14 ta' Novembru 2002, fil-kawża Österreichischer Rundfunk *et* (Kawżi magħquda C-465/00, C-138/01 u C-139/01, Ġabra p. I-4989, punti 43 *et seq*).

35 — Sentenza Österreichischer Rundfunk *et* (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, punt 42).

Fuq il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 9 tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data

55. Skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data, l-Istati Membri għandhom, fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali magħmul biss għal għanijiet ġurnalistiċi jew għall-iskop ta' espressjoni artistika jew letterarja, jipprovdu għal eżenzjonijiet jew derogi għall-protezzjoni ta' data biss meta jirriżultaw meħtieġa biex id-dritt għall-ħajja privata jiġi rrikonċiljat mar-regoli li jirregolaw il-libertà ta' espressjoni.

56. Satakunnan Markkinapörssi Oy u Satamedia Oy kif ukoll il-Finlandja jixtiequ jestendu l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 9 tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data għall-qasam tal-protezzjoni tal-libertà ta' espressjoni kollu. B'din l-interpretazzjoni, l-Artikolu 9 tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data jkopri, b'mod konformi mal-għan tiegħu, il-kunflitti kollha possibbli bejn il-libertà ta' espressjoni u l-protezzjoni tad-data. Fl-istess ħin, tingħata lill-Istati Membri l-akbar libertà fir-rikonċiljazzjoni tal-protezzjoni tad-data mal-libertà ta' espressjoni.

57. Iżda interpretazzjoni bħal din m'għandhiex bażi fit-test tal-Artikolu 9 tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data. Din id-dispożizzjoni teħtieġ mhux biss li jkun hemm bilanċ bejn il-libertà ta' espressjoni u l-protezzjoni tad-data, imma tindika skopijiet speċifiċi li favur tagħhom l-Istati Membri jistgħu jidde-

rogaw minn kważi d-dispożizzjonijiet kollha tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data. Il-kunċetti ta' għanijiet ġurnalistiċi jew ta' espressjoni artistika jew letterarja, użati f'dan ir-rigward, jispiċċaw mingħajr skop fil-konfront tal-kunċett ta' libertà ta' espressjoni, jekk dawn fil-kumpless tagħhom jiġu kkunsidrati bħala ekwivalenti għal-libertà ta' espressjoni.

58. Għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 9 tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data wieħed għandu jibda billi jqis il-fatt li d-derogi għal prinċipju ta' natura ġenerali għandhom jiġu interpretati b'mod restrittiv [36] biex b'hekk il-prinċipju kkonċernat ma jiġix imneżża' wisq mis-sinjifikat tiegħu. F'dan il-każ, b'interpretazzjoni estensiva, hemm riskju li jiġi kommess ksur tad-dritt fundamentali għall-ħajja privata.

59. L-Artikolu 9 tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data jippermetti li tiġi rikonoxxuta l-ħtieġa ta' interpretazzjoni restrittiva anki mill-fatt li din id-dispożizzjoni tipprovdi biss għall-ipproċessar ta' data personali, li jsir *biss* għall-iskopijiet indikati hemmhekk. Anki d-derogi u l-eżenzjonijiet jistgħu jiġu stabbiliti *biss jekk* ikunu meħtieġa biex jirrikonċiljaw id-drittijiet fundamentali kkonċernati.

60. Kif tgħid b'mod partikolari l-Kummissjoni, il-portata wiesgħa tad-derogi permessi skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data tindika li għandha tingħata interpretazzjoni restrittiva tar-rekwiżiti applikati minnha. Filwaqt li derogi oħrajn li hemm fid-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data jistabbilixxu biss eċċezzjonijiet għal dispożizzjonijiet partikolari, l-Artikolu 9 jippermetti li jiġu eskluži kważi r-rekwiżiti kollha imposti mid-Direttiva.

61. Ma jipprekludix interpretazzjoni tal-kunċett ta' għanijiet ġurnalistiċi ibbażata fuq is-sinjifikat letterali l-fatt li din l-interpretazzjoni jkollha bħala konsegwenza ksur tal-libertà ta' espressjoni minħabba rekwiżiti eċċessivi dwar il-protezzjoni tad-data. Fil-fatt l-Istati Membri m'għandhomx jibbilanċjaw il-libertà ta' espressjoni u d-dritt għall-ħajja privata biss fil-kuntest tal-Artikolu 9 tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data, imma jistgħu jibbażaw ruħhom fuq dispożizzjonijiet oħrajn billi d-Direttiva ġeneralment tħalli f'idejn l-Istati Membri l-poter diskrezzjonali meħtieġ għall-adozzjoni ta' miżuri ta' implementazzjoni, li jistgħu jiġu adattati għas-sitwazzjonijiet differenti possibbli [37].

36 — Sentenzi tat-8 ta' Ġunju 2006, WWF Italia *et* (C-60/05, Ġabra p. I-5083, punt 34), u tal-14 ta' Ġunju 2007, Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja (C-342/05, Ġabra p. I-4713, punt 25), rispettivament fuq id-derogi għall-protezzjoni tal-ispeċi; tas-7 ta' Marzu 2002, Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja (C-169/00, Ġabra p. I-2433, punt 33, u l-ġurisprudenza ċċitata), fuq il-VAT; tas-27 ta' Settembru 1988, Kalfelis (189/87, Ġabra p. 5565, punt 19) kif ukoll tal-11 ta' Ottubru 2007, Freeport (C-98/06, Ġabra p. I-8319, punt 35), rispettivament fuq il-ġurisdizzjoni tal-qrati f'materji ċivili, kif ukoll tas-27 ta' Novembru 2007 C (C-435/06, Ġabra p. I-10141, punt 60), fuq il-ġurisdizzjoni tal-qrati f'kawżi ta' kustodja.

37 — Sentenza Lindqvist (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 18, punti 83 *et seq*), ara wkoll is-sentenza Promusicae (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 12, punt 67) fuq id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (ĠU L 201, p. 37).

62. Fil-qasam tal-libertà ta' espressjoni privata l-Istati Membri jgawdu minn libertà partikolari, billi d-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data, skont it-tieni inċiż tal-Artikolu 3(2), ma tapplikax għall-ipproċessar ta' data magħmul minn persuna naturali meta tkun qed teżerċita attività purament personali jew domestika [38].

63. Barra min hekk, l-ipproċessar jista' jiġi permess, skont l-Artikolu 7(f) tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data, għall-finijiet tal-interessi leġittimi li jkollu l-kontrollur tal-ipproċessar jew l-Istat Membru kkonċernat jista', skont l-Artikolu 13(1)(g) jistabbilixxi derogi għal dispożizzjonijiet speċifiċi biex jiġi protett is-suġġett tad-data jew jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' ħaddieħor [39]. F'dawn il-każijiet għandhom jiġu applikati b'mod partikolari r-rekwiżiti relattivi għal-legalità tal-ipproċessar tad-data skont l-Artikolu 7 u dawk relattivi għall-ipproċessar ta' data sensittiva skont l-Artikolu 8 u l-awtoritajiet ta' kontroll tal-protezzjoni tad-data jistgħu jissorveljaw dan l-ipproċessar.

64. Fil-qosor, għandu jingħad li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 9 tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data għandu jiġi speċifikat abbażi tal-kunċetti ta' "għanijiet ġurnalistiċi jew għall-iskop ta' espressjoni artistika jew letterarja", li għandhom sinjifikat tagħhom differenti mill-qasam tal-protezzjoni tal-libertà ta' espressjoni.

Fuq il-kunċett ta' għanijiet ġurnalistiċi

65. Il-kunċett ta' "għanijiet ġurnalistiċi" jirreferi għall-attività tal-mezzi ta' komunikazzjoni b'mod partikolari għall-istampa u l-mezzi awdjoviżivi. L-istorja tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data turi li l-għanijiet ġurnalistiċi m'għandhomx ikunu limitati għall-attività tal-mezzi ta' komunikazzjoni istituzzjonalizzati. Wara li l-Kummissjoni kienet għall-bidu pproponiet deroga favur l-organi tal-istampa u tal-mezzi awdjoviżivi [40], il-kunċett ta' għanijiet ġurnalistiċi rriżulta minn diversi proġetti suċċessivi, li sseparaw il-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga mill-mezzi ta' komunikazzjoni u estendewha għall-persuni kollha li jiżvolġu attività ġurnalistika [41].

38 — Ara fuq l-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni s-sentenza Lindqvist (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 18, punti 46 *et seq*).

39 — Bl-istess mod, anki l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Protezzjoni tal-persuni fir-rigward tal-ipproċessar awtomatiku tad-data personali ffirmata fit-28 ta' Jannar 1981 fi Strasburgu, SEV-n. 108, ma tistabbilixxi l-ebda privileġġ speċjali favur il-medja, imma li jkun hemm dispożizzjonijiet ta' deroga għall-protezzjoni tad-drittijiet ta' ħaddieħor. Ara wkoll l-osservazzjonijiet dwar l-Artikolu 9(b) tal-Konvenzjoni, Rapport ta' spjegazzjoni, nru 58, http://conventions.coe.int/Treaty/FR/Reports/Html/108.htm.

40 — L-Artikolu 19 tal-Proposta tad-Direttiva tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-persuni fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali, COM (90) 314 def., ĠU 1990 C 277, p. 3 (9).

41 — Ara, b'mod partikolari, l-opinjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Marzu 1992 [ĠU C 94, p. 173 (178)], il-proposta emendata tal-Kummissjoni tal-15 ta' Ottubru 1992 [ĠU 1992 C 311, p. 30 (45)] u fl-aħħar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 1995 [ĠU nru C 93, p. 1 (9)].

66. Biex jiġi arrikkit is-sinjifikat tal-kunċett ta' għanijiet ġurnalistiċi, tista' tiġi inklua fih il-missjoni tal-mezzi ta' komunikazzjoni f'soċjetà demokratika, kif żviluppata mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-ġurisprudenza tagħha dwar ir-restrizzjoni tal-libertà ta' espressjoni. Kull restrizzjoni fuq il-libertà ta' esprezzjoni hija suġġetta għall-kundizzjoni li din ir-restrizzjoni għandha tkun meħtieġa f'soċjetà demokratika. Meta l-mezzi ta' komunikazzjoni huma involuti, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li stampa libera għandha rwol essenzjali għall-funzjonament tas-soċjetà demokratika, b'mod partikolari r-rwol ta' "kelb tal-għassa pubbliku". Għalhekk hija għandha l-obbligu li xxandar informazzjoni u opinjonijiet dwar il-kwistjonijiet kollha ta' interess pubbliku [42].

67. Billi hu nvolut it-tixrid ta' informazzjoni u opinjonijiet, mhuwiex importanti — kuntrarjament għal dak li jingħad kultant — jekk id-data mxandra tiġix ipproċessata f'livell editorjali jew ikkummentata. Diġà s-sempliċi tqegħid għad-dispożizzjoni ta' data mhux ipproċessata tista' tikkontribwixxi għal diskussjonijiet pubbliċi u jista' jkun hemm b'hekk interess pubbliku. Barra minn dan, anki l-għażla stess tad-data mxandra hija espressjoni ta' valutazzjoni soġġettiva ta' min ixandarha. Din l-għażla fil-fatt, għall-inqas, tindika li din id-data hija ta' interess għal min qed jirċiviha.

42 — Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sentenzi tal-25 ta' Marzu 1985, Barthold (8734/79, Sensiela A nru 90, punt 58); tat-8 ta' Lulju 1986, Lingens (9815/82, Sensiela A nru 103, punt 44); tat-23 ta' Settembru 1994, Jersild (15890/89, Sensiela A nru 298, punt 31), Observer u Guardian (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16, punt 59); von Hannover (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, punt 63) kif ukoll tas-17 ta' Diċembru 2004, Pedersen u Baadsgaard [GC](49017/99, Ġabra tas-sentenzi u deċiżjonijiet 2004-XI punt 71).

68. Kif jinnota b'mod partikolari l-Gvern Żvediż, l-ipproċessar ta' data personali jsir għall-għanijiet ġurnalistiċi jekk huwa mmirat biex ixandar informazzjoni u opinjonijiet dwar kwistjonijiet ta' interess pubbliku.

Fuq l-informazzjoni u l-opinjonijiet dwar kwistjonijiet ta' interess pubbliku

69. Issa għandu jiġi ċċarat xi jfissru informazzjoni u opinjonijiet dwar kwistjonijiet ta' interess pubbliku. Din il-formulazzjoni tiddeskrivi azzjonijiet fl-eżerċizzju tal-libertà ta' espressjoni u l-limitazzjoni tagħha teħtieġ ġustifikazzjoni partikolarment serja.

70. F'dan il-kuntest il-Gvern Żvediż jirreferi għal dikjarazzjoni magħmula meta ġiet adottata d-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data. Skont din id-dikjarazzjoni, l-eżistenza ta' għanijiet ġurnalistiċi m'għandhiex tkun ivverifikata abbażi tal-informazzjoni mibgħuta, jiġifieri abbażi tal-kontenut, imma abbażi tannatura tat-trażmissjoni. Ċertament, mhuwiex il-kompitu tal-awtortajiet Statali li jistabbilixxu liema huma l-kwistjonijiet ta' interess pubbliku li dwarhom jistgħu jittrattaw il-mezzi ta' komunikazzjoni. Għalhekk, il-verifika tal-kontenut hija kwistjoni delikata.

71. In-natura u l-kuntest huma rilevanti biex jiġu eskluži dawk iċ-ċirkustanzi fejn, għalhemm jintbagħtu informazzjoni u opinjonijiet ta' interess pubbliku, it-trażmissjoni ma tkunx indirizzata lill-pubbliku, bħal per eżempju fil-każ ta' diskussjonijiet politiċi privati.

72. Madankollu illum il-ġurnata delimitazzjoni magħmula abbażi tal-forma kif tintbagħat l-informazzjoni mhijiex biżżejjed biex jiġu identifikati l-għanijiet ġurnalistiċi. Fl-imgħoddi, il-ġurnaliżmu kien limitat għall-mezzi ta' komunikazzjoni li kienu jintgħarfu bħala tali mingħajr dubju, jiġifieri l-istampa, ir-radju u t-televiżjoni. Il-mezzi moderni ta' komunikazzjoni, bħall-Internet jew is-servizz tat-telefonija mobbli illum jintużaw b'mod analogu għat-trażmissjoni ta' informazzjoni fuq kwistjonijiet ta' interess pubbliku kif ukoll għal finijiet purament privati. Konsegwentement, għalkemm in-natura tat-trażmissjoni tal-informazzjoni tikkostitwixxi aspett importanti biex jiġi vverifikat jekk kienx hemm għanijiet ġurnalistiċi, il-kontenut m'għandux ma jiġix ikkontrollat.

73. Fi kwalunkwe każ hemm interess pubbliku jekk l-informazzjoni mibgħuta tirreferi għal dibattitu pubbliku li effettivament jeżisti [43]. Hemm imbagħad suġġetti li huma kwistjonijiet ta' interess pubbliku minħabba n-natura tagħhom, per eżempju l-proċeduri ġudizzjarji skont l-Artikolu 6(1) KEDB [44], l-interess pubbliku għat-trasparenza fil-ħajja politika [45] jew l-informazzjoni fuq l-opinjonijiet u l-ideat kif ukoll fuq l-aġir tal-mexxejja politiċi [46].

74. Madankollu wieħed għandu jiddubita li jkun hemm trażmissjoni ta' informazzjoni ta' kwistjonijiet ta' interess pubbliku fil-każ li jixxandru dettalji dwar il-ħajja privata li ma jkollhom l-ebda relazzjoni mal-funzjoni pubblika tas-suġġett tad-data speċjalment meta huma intiżi biex jissodisfaw il-kurżità ta' ċertu pubbliku fuq il-ħajja privata ta' persuna u li, minkejja ċertu grad ta' fama tal-persuna, ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala kontribut għal xi diskussjoni ta' interess ġenerali għas-soċjetà [47]. Biex wieħed jiddistingwi sa fejn jasal l-interess pubbliku, għandhom importanza kbira l-aspettattivi leġittimi tal-persuna kkonċernata għar-rispett tal-ħajja privata tagħha [48].

75. Il-każ Fressoz e Roire [49] huwa eżempju ċar ta' dak li ngħad aktar 'il fuq. Huwa kien

43 — Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sentenzi tal-11 ta' Jannar 2000, News Verlags GmbH & Co. KG (31457/96, Ġabra tas-sentenzi u deċiżjonijiet 2000-I, punt 54); tas-6 ta' Frar 2001, Tammer (41205/98, Ġabra tas-sentenzi u deċiżjonijiet 2001-I, punt 68); tat-18 ta' Mejju 2004, Editions Plon (58148/00, Ġabra tas-sentenzi u deċiżjonijiet 2004-IV, punt 44); tal-10 Diċembru 2007, Stoll (69698/01, §§ 118 *et seq*), kif ukoll tat-22 ta' Frar 2007, Nikowitz u Verlagsgruppe News GmbH (5266/03, punt 25).

44 — Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, News Verlags GmbH & Co. KG (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 43, punt 56).

45 — Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sentenza Editions Plon (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 43, punt 44).

46 — Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sentenzi Stoll (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 43, punt 122) u Lingens (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 42, punt 42). Fuq id-diriġenti fil-ħajja ekonomika ara s-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1 ta' Marzu 2007, Tønsbergs Blad AS u Haukom (510/04, li mhijiex ippubblikata, punt 87).

47 — Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sentenza von Hannover (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, punt 65), ara wkoll il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sentenza News Verlags GmbH & Co.KG (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 43, punt 54).

48 — Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sentenza von Hannover (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, punt 51). Ara b'mod ġenerali fuq l-aspettattivi leġittimi b'referenza għall-ipproċessar tad-data wkoll, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sentenzi tal-25 ta' Ġunju 1997, Halford (20605/92, Ġabra tas-sentenzi u deċiżjonijiet 1997-III, punt 45); tal-25 ta' Settembru 2001, P. G. u J. H. (44787/98, Ġabra tas-sentenzi u deċiżjonijiet 2001-IX, punt 57) kif ukoll tat-3 ta' April 2007, Copland (62617/00, li għadha ma ġietx ippubblikata, punt 42).

49 — Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sentenza tal-21 ta' Jannar 1999 (29183/95, Ġabra tas-Sentenzi u deċiżjonijiet 1999-I).

jirrigwarda l-piena mogħtja lil żewġ ġurnalisti, li kienu ppubblikaw dokumenti kunfidenzjali ġejjin minn dikjarazzjoni tat-taxxa biex jikkorroboraw l-informazzjoni li kellhom fuq id-dħul ta' direttur ta' kumpannija. Din il-pubblikazzjoni kienet, bħala regola, punibbli skont id-dritt nazzjonali.

76. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem affermat f'dan ir-rigward li l-informazzjoni kienet tirreferi għal dibattitu politiku fuq l-ammont tas-salarji li kien inqala' minħabba kontroversja dwar l-impriża inkwistjoni [50], u li lanqas l-informazzjoni fuq il-bażi taxxabbli u fuq it-taxxi mħallsin ma kienu strettament kunfidenzjali skont id-dritt nazzjonali [51]. Anzi, id-data rigward id-dħul ta' imprendituri magħrufin kienet regolarment tiġi ppubblikata [52] u ma tidħolx, skont il-ġurisprudenza nazzjonali, fil-kuntest tad-dritt għall-ħajja privata [53].

77. Għalhekk l-informazzjoni u l-opinjonijiet jirriferu għal kwistjoni ta' interess pubbliku jekk ikunu marbutin ma' dibattitu pubbliku li jeżisti fil-fatt jew jirrigwardaw kwistjonijiet li, skont id-dritt nazzjonali u l-valuri tas-soċjetà, ikunu minnhom infushom ta' natura pubblika, iżda mhux fil-każ tat-tixrid ta' dettalji li għandhom x'jaqsmu mal-ħajja privata li ma jkollhom l-ebda relazzjoni ma' funzjoni pubblika tal-persuna kkonċernata, b'mod partikolari fejn jeżistu fir-rigward aspettattivi leġittimi għar-rispett tal-ħajja privata.

78. Għandu jingħad ukoll li l-awtoritajiet Statali, inkluż l-qrati, ma jistgħux jivverifikaw b'mod riġidu jekk jeżistux għanijiet ġurnalistiċi. Huwa diffiċli ħafna li jiġi stabbilit minn qabel liema informazzjoni tirrigwarda kwistjonijiet ta' interess pubbliku, u huma l-mezzi ta' komunikazzjoni, għall-inqas parzjalment, li għandhom il-poter li joħloqu b'mod ġenerali interess pubbliku permezz tat-trażmissjoni ta' informazzjoni. Fejn dan ma jirnexxix wieħed ma jistax — *a posteriori* — ilumhom. Mandankollu anki *ex ante,* ġeneralment mhuwiex obbligu tal-awtoritajiet li jbassru n-nuqqas ta' interess pubbliku fil-futur. Tbassir ta' dan it-tip huwa l-ewwel pass lejn iċ-ċensura. Il-fatt li t-tixrid ta' informazzjoni u opinjonijiet ma jirrigwardax kwistjonijiet ta' interess pubbliku jista' għalhekk jiġi aċċertat biss fejn dan ikun evidenti.

Fuq l-esklużività tal-għan segwit

79. Anki meta l-ipproċessar isir għal għanijiet ġurnalistiċi, l-Artikolu 9 tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data mhuwiex applikabbli

50 — Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sentenza Fressoz u Roire (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 49, punt 50).

51 — Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sentenza Fressoz u Roire (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 49, punt 53).

52 — Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sentenza Fressoz u Roire (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 49, punt 53).

53 — Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sentenza Fressoz u Roire (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 49, punt 50).

awtomatikament. L-ipproċessar ta' data personali għandu jsir għal għanijiet ġurnalistiċi *biss*.

80. Bl-użu tal-kelma "biss" l-Artikolu 9 tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data jenfasizza li l-ipproċessar tad-data għandu jsir għal għanijiet speċifiċi, determinati b'mod ġenerali mill-Artikolu 6(b) tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data. Skont din id-dispożizzjoni, id-data personali ma tistax wara tiġi pproċessata b'mod inkompatibbli mal-għan tal-ġbir tagħhom. Anki d-deroga prevista fl-Artikolu 9 tista' b'hekk tkun applikabbli għall-ipproċessar li jsir għal għanijiet ġurnalisitiċi biss. Meta jkunu qed jiġu segwiti għanijet oħrajn fl-istess ħin, li ma jkunux ta' natura ġurnalistika, il-privileġġ mogħti lill-mezzi ta' komunikazzjoni ma jkunx applikabbli.

81. Biex jiġi ddeterminat l-għan, m'għandhiex rilevanza l-kwistjoni jekk l-ipproċessar għandux direttament bħala għan li tiġi kkomunikata din l-informazzjoni, bħal, per eżempju, fil-każ tal-pubblikazzjoni ta' din id-data. Kif isostnu Satakunnan Markkinapörssi Oy u Satamedia Oy, jiġu segwiti għanijiet ġurnalistiċi anki meta tiġi ppreparata pubblikazzjoni [54].

82. L-ipproċessar għal għanijiet ġurnalistiċi biss la ma hu eskluż mill-fatt li, minbarra t-trażmissjoni ta' informazzjoni u opinjonijiet dwar kwistjonijiet ta' interess pubbliku, jiġu segwiti wkoll skopijiet kummerċjali [55]. Ġeneralment l-attivitajiet li jsiru għal għanijiet ġurnalistiċi jkollhom l-iskop ukoll li jirkupraw l-ispejjeż tal-attività ġurnalistika, u, jekk ikun possibbli, li jsir qligħ. Fil-fatt is-suċċess kummerċjali huwa meħtieġ għall-eżistenza tal-ġurnaliżmu kummerċjali, tal-anqas fejn jiġi eżerċitat b'mod indipendenti mill-appoġġ u mill-influwenza ta' oħrajn, bħal per eżempju tal-Istat. Għalhekk huwa element ammissibbli tal-għanijiet ġurnalistiċi li jinkiseb qligħ permezz tat-trażmissjoni ta' informazzjoni u opinjonijiet fuq kwistjonijiet ta' interess pubbliku.

83. Għandhom jiġu distinti minn dawn l-attivitajiet dawk kummerċjali li m'għandhomx bħala għan it-trażmissjoni ta' informazzjoni u opinjonijiet fuq kwistjonijiet ta' interess pubbliku, anki fejn il-qligħ li jsir ikun intiż għall-iffinanzjar ta' attivitajiet ġurnalistiċi. Dawn mhumiex distinti minn attivitajiet analogi li l-profitt minnhom mhuwiex intiż għal skopijiet ġurnalistiċi. L-applikazzjoni f'dawn iċ-ċirkustanzi ta' privileġġ mogħti lill-mezzi ta' komunikazzjoni tista' tikser il-pinċipju tat-trattament ugwali u tipprovoka b'mod partikolari distorzjonijiet fil-kompetizzjoni [56].

54 — Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, fis-sentenzi tas-27 ta' Marzu 1996, Goodwin (28957/95, Ġabra tas-sentenzi u deċiżjonijiet 1996-II, punt 39) u tas-27 ta' Novembru 2007, Tillack (20477/05, punt 53), estendiet espressament il-protezzjoni tal-libertà tal-istampa għall-protezzjoni tas-sorsi ġurnalistiċi.

55 — Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, fis-sentenza Autronic AG (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 11, punt 47) tirreferi għall-fatt li diversi sentenzi mogħtija dwar il-libertà tal-istampa jirrigwardaw impriżi li riedu jaqilgħu profitt permezz tal-attività tagħhom tal-istampa.

56 — Ara d-digriet tat-23 ta' Settembru 2004, Springer (Kawżi magħquda C-435/02 u C-103/03, Ġabra p. I-8663, punt 47).

84. Għaldaqstant, ix-xandir ta' pubblikità filmezzi ta' komunikazzjoni għandu jsir biss f'każijiet eċċezzjonali u biex jiġu trażmessi biss kwistjonijiet ta' interess pubbliku [57], jiġifieri għal għanijiet ġurnalistiċi biss, għalkemm id-dħul li jkun inkiseb jikkostitwixxi l-kundizzjoni neċessarja għall-attività tal-mezzi ta' komunikazzjoni.

Applikazzjoni għal dan il-każ

86. B'mod partikolari kemm il-karattru pubbliku ta' informazzjoni speċifika kif ukoll l-aspettattivi leġittimi għar-rispett tal-ħajja privata jiddependu ħafna mis-sitwazzjoni legali inkwistjoni — speċjalment fuq il-livell nazzjonali —, mill-valuri tas-soċjetà u mill-eżistenza konkreta ta' dibattiti pubbliċi. Bħala regola, mhuwiex il-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja, imma tal-awtoritajiet kompetent tal-Istati Membri, li jivverifikaw dawn l-elementi. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tiġi adita mill-qrati nazzjonali rigward dawn il-kwistjonijiet, hija għandha tillimita ruħha għall-għoti ta' indikazzjonijiet fuq iċ-ċirkustanzi li għandhom jiġu kkunsidrati.

85. F'dan il-każ huwa diffiċli li jiġu attribwiti għanijiet ġurnalistiċi għall-attività speċifika. B'hekk hemm bżonn ta' valutazzjoni kritika tal-iskop li jrid jintlaħaq. Mhumiex rilevanti l-għanijiet indikati minn dawk responsabbli għall-ipproċessar tad-data, billi dawk l-għanijiet suġġettivi ma jistgħux jiġu vverifikati. L-għan li jrid jintlaħaq bl-ipproċessar tad-data għandu jirriżulta minn ċirkustanzi oġġettivi [58].

87. F'dan il-każ partikolari għandhom interess partikolari n-natura tad-data pproċessata, id-diversi forom tat-tixrid tal-informazzjoni u l-possibbilità li tiġi kkanċellata din id-data.

88. L-ipproċessar kollu jirrigwarda data fiskali ta' natura personali. Huwa veru li ma hemm l-ebda dispożizzjoni ta' dritt Komunitarju dwar il-kunfidenzjalità tal-ipproċessar ta' din id-data; imma xi Stati Membri jikkunsidrawha kunfidenzjali. Konsegwentement, il-persuni kkonċernati f'dan l-Istat bħala regola jistennew, u bir-raġun, li din il-kunfi-

57 — Każ bħal dan jipprovdi l-każi tas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-28 ta' Ġunju 2001, Verein gegen Tierfabriken (24699/94, Ġabra tas-sentenzi u deċiżjonijiet 2001-VI) dwar riklam kontra l-produzzjoni tal-laħam, imma mhux tas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-24 ta' Frar 1994, Casado Coca (Sensiela A nru 285-A) dwar il-projbizzjoni tar-riklamar mill-avukati. Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Diċembru 2006, Il-Ġermanja vs Il-Parlament u l-Kunsill (C-380/03, Ġabra p. I-11573, punt 156).

58 — Ara, fuq l-għażla tal-każi legali ta' miżura Komunitarja, is-sentenzi tas-26 ta' Marzu 1987, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (45/86, Ġabra p. 1493, punt 11); tal-11 ta' Ġunju 1991, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (C-300/89, Titandioxid, Ġabra p. I-2867, punt 10), kif ukoll tat-23 ta' Ottubru 2007, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (C-440/05, Ġabra p. I-9097, punt 61); fuq il-verifika tal-iskopijiet leġittimi, is-sentenzi tal-21 ta' Frar 2006, Halifax *et* (C-255/02, Ġabra p. I-1609, punt 75), kif ukoll tat-8 ta' Novembru 2007, Ing. Auer (C-251/06, Ġabra p. I-9689, punt 46) u, fuq il-verifika ta' provvista interkomunitarja fil-liġi tal-VAT, is-sentenza tas-27 ta' Settembru 2007, Teleos *et* (C-409/04, Ġabra p. I-7797, punti 39 *et*).

denzjalità tiġi rrispettata. Anki skont il-Qorti tal-Ġustizzja l-informazzjoni fuq id-dħul bħala regola għandha tiġi kkomunikata biss jekk dan ikun meħtieġ biex jintlaħaq għan aktar importanti [59].

89. Madankollu, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem evidentement ma tislitx bilfors l-ipproċessar kunfidenzjali ta' data fiskali mill-Artikolu 8 KEDB [60]. Għalhekk, jista' jkun hemm indħil ammissibbli — jiġifieri ġustifikat — fid-dritt fundamentali Komunitarju għall-ħajja privata, meta, fil-Finlandja, din id-data hija aċċessibbli għall-pubbliku bil-liġi mingħand l-awtoritajiet fiskali. Abbażi ta' din is-sitwazzjoni legali, probabbilment wieħed għandu jassumi li ċ-ċittadini Finlandiżi m'għandhom l-ebda aspettattiva leġittima li d-data fiskali tagħhom tiġi pproċessata b'mod kunfidenzjali.

90. It-trażmissjoni tal-informazzjoni sseħħ b'żewġ modi: minn naħa tiġi ppubblikata filforma ta' elenku ġenerali f'rivista, min-naħa l-oħra data dwar id-diversi persuni taxxabbli tkun tista' tiġi kkonsultata permezz ta' servizz ta' SMS.

91. Il-pubblikazzjoni tal-elenku f'din il-forma għandha l-għan li tittrażmetti informazzjoni ta' interess pubbliku. Il-pubbliku jiġi offrut ġabra kompleta ta' data. Din il-forma ta' pubblikazzjoni ma tikkunsidrax, *prima facie*, l-interessi individwali.

92. aktar diffiċli li wieħed jiġġudika jekk din il-forma ta' trażmissjoni tikkorrispondix, anki mil-lat tal-kontenut, mal-interess pubbliku. Minn naħa huwa possibbli li l-pubbliku jkun interessat ikollu idea globali fuq it-taxxa kif ukoll fuq is-sitwazzjoni tad-dħul u l-patrimonjali taċ-ċittadini l-oħrajn u, fir-rigward ta' persuni pubbliċi partikolari, hemm interess konkret li tinkiseb din l-informazzjoni.

93. Iżda min-naħa l-oħra, wieħed jista' jgħid li l-interess fid-data inkwistjoni jista' jkun ta' natura privat ħafna. Per eżempju fil-każ ta' kurżità personali fil-konfront ta' ġirien u konoxxenzi. Lanqas ma jistgħu jiġu eskluži interessi kummerċjali. Il-fatt li tkun magħrufa s-sitwazzjoni tad-dħul u patrimonjali tal-individwi jista' jiġi sfruttat ekonomikamnet, per eżempju għall-finijiet ta' reklamar immirat jew biex tiġi vvalutata l-kapaċità finanzjarja u s-solvibbiltà tal-klijenti.

94. L-aspetti li ssemmew l-aħħar joħorġu aktar fid-dieher fil-każ tas-servizz ta' SMS billi dan, minħabba l-forma tiegħu, jista' jintuża biex tintbagħat informazzjoni biss jekk jeżisti interess konkret fid-data ta' persuna speċifika. Jidher li mhuwiex probab-

59 — Sentenza Österreichischer Rundfunk *et* (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, punti 89 *et seq*).

60 — Ara l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sentenza Fressoz u Roire (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 49, b'mod partikolari punt 53), fejn tiġi diskussa biss is-sitwazzjoni legali nazzjonali. Ara wkoll id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tas-27 ta' Novembru 1996, Gedin (Rikors nru 29189/95) fuq l-indikazzjoni bl-isem, f'lista, tad-debituri ta' taxxi mhux imħallsin.

bli li, b'mod ġenerali, dan l-interess ikollu karattru pubbliku. Anzi, jidher li l-konsultazzjoni tkun marbuta ma' kwistjonijiet ta' interess pubbliku f'każijiet eċċezzjonali biss.

95. Madankollu, mhuwiex possibbli meta tintbagħat l-informazzjoni b'mezz ta' telekomunikazzjoni, li jiġi eskluż b'mod ġenerali l-interess pubbliku. It-trażmissjoni ta' informazzjoni permezz ta' servizzi ta' telekomunikazzjoni dejjem qed tintegra aktar spiss il-forom tradizzjonali tat-trażmissjoni permezz tal-istampa u l-mezzi ta' komunikazzjoni tal-massa. Għalhekk huwa meħtieġ li jsir eżami dettaljat sew biex jiġi stabbilit jekk l-informazzjoni u l-opinjonijiet fuq kwistjonijiet ta' interess privat jew pubbliku jistgħux jintbagħtu f'dik il-forma.

96. Fl-aħħar il-Gvern Portugiż sostna li ma jkunx hemm għanijiet ġurnalistiċi jekk Satakunnan tippretendi l-ħlas ta' tariffa biex tħassar lill-persuni taxxabbli mis-sistema ta' informazzjoni. Dan ikun il-każ jekk Satakunnan ikollha l-għan li tagħmel profitt minn din it-tariffa, billi dan il-profitt ma jirriżultax mittrażmissjoni ta' informazzjoni u opinjonijiet ta' interess pubbliku. Min-naħa l-oħra, jekk it-tariffa tintalab sempliċiment biex tkopri l-ispejjeż, dan ma jistax jeskludi — indipendentement mill-kwistjoni tal-legalità ta' dawn it-tariffi — għanijiet ġurnalistiċi.

97. Barra minn hekk, il-possibbiltà li titħassar l-informazzjoni relattiva għal-persuna tqajjem il-kwistjoni jekk effettivament jeżistix interess pubbliku fil-fatt li tkun disponibbli lista kompleta ta' data fiskali. Tħassir mingħajr raġuni ta' data partikolari bħala regola jmur kontra l-eżistenza ta' interess pubbliku eventwali. Jekk il-qarrej jistenna elenku sħiħ, it-tħassir kważi jqarraq billi tinħoloq l-impressjoni li din il-persuna ma tħallasx taxxa jew tħallas ftit.

98. Huma l-qrati nazzjonali li għandhom jiddeċiedu kif dawn iċ-ċirkustanzi oġġettivi għandhom imbagħad jiġu vvalutati fil-kuntest soċjali fil-Finlandja, eventwalment wara verifika ulterjuri tal-fatti.

Fuq l-ibbilanċjar bejn il-libertà ta' espressjoni u d-dritt għall-ħajja privata.

99. Anki jekk il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 9 tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data huwa miftuħ, dan ma jfissirx li l-ipproċessar inkwistjoni ta' data personali għandu jiġi eżentat mill-protezzjoni tad-data.

Minflok, id-derogi huma ammissibbli biss sa fejn jidhru meħtieġa biex jiġi rrikonċiljat id-dritt għall-ħajja privata mad-dritt għal-libertà ta' espressjoni.

100. Għalhekk jista' jinqala' d-dubju, kif kellhom l-Estonja u l-Kummissjoni, fuq il-fatt kemm l-implementazzjoni Finlandiża tal-Artikolu 9 tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data tissodisfa r-rekwiżiti tad-dritt Komunitarju. Minkejja l-elastiċità tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data [61], analiżi aktar fil-fond turi l-lat kemmxejn parzjali tal-eslużjoni kważi totali tal-protezzjoni tad-data fil-każ tal-ipproċessar tad-data għal għanijiet ġurnalistiċi. Mil-lat Komunitarju, ikun aktarx mixtieq li l-attivitajiet ġurnalistiċi jiġu soġġettati għal eżiġenzi aktar stretti għal dak li jirrigwarda l-protezzjoni tad-data minn dawk stabbiliti fl-Artikolu 2(5) tal-Liġi Finlandiża fuq id-data personali.

101. Iżda dawn il-kunsiderazzjonijiet m'għandhom l-ebda importanza għar-risposta għat-tieni domanda preliminari. Fil-proċedimenti *a quo* qed jintalab li Satakunnan Markkinapörssi Oy u Satamedia Oy jiġu obbligati ma jwettqux ċerti attivitajiet ta' pproċessar ta' data. Dan l-obbligu ma jistax jiġi bbażat b'mod dirett fuq id-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data. Direttiva ma tistax fiha nfisha toħloq obbligi fuq individwu privat u għalhekk ma tistax tiġi sostnuta fil-konfront tiegħu [62].

102. Iżda l-Kummissjoni tipproponi — b'referenza għall-Artikolu 2(4) tal-Liġi Finlandiża fuq id-data personali — li ma jiġux applikati r-restrizzjonijiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-data minħabba l-ksur tad-dritt għall-ħajja privata. Hija tibbaża ruħha fuq is-sentenza Manigold fejn il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni minħabba l-età kif stabbilit fid-Direttiva 2000/78 [63] bħala prinċipju ġenerali tad-dritt Komunitarju, u sabet li hemm obbligu tal-qrati nazzjonali li ma japplikaw l-ebda dispożizzjoni li eventwalment tmur kontra l-liġi nazzjonali [64].

103. F'kawża oħra diġà esprimejt ruħi kontra atteġġament bħal dan [65]. Jekk, minflok ma tittieħed inkunsiderazzjoni direttiva li mhijiex applikabbli direttament fil-konfront tal-individwi, issir referenza għal prinċipju ġenerali tal-liġi, li l-kontenut tiegħu huwa ferm anqas ċar u preċiż, jiġi ffrustrat l-għan ta' armonizzazzjoni tad-Direttiva, tiġi mminata ċ-ċertezza legali li hija trid tilħaq u tisfa' fix-xejn il-projbizzjoni milli jiġu applikati direttament, għad-dannu tal-individwi, id-dispożizzjonijiet individwali ta' direttivi li ma jkunux ġew

61 — Sentenzi Lindqvist (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 18, punt 83) u Promusicae (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna12, punt 67).

62 — Sentenzi tas-26 ta' Frar 1986, Marshall (152/84, Ġabra p. 723, punt 48); tal-5 ta' Ottubru 2004, Pfeiffer *et* (Kawżi magħquda C-397/01 sa C-403/01, Ġabra p. I-8835, punt 108), u tas-7 ta' Ġunju 2007, Carp (C-80/06, Ġabra p. I-4473, punt 20).

63 — Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU L 303, p. 16).

64 — Sentenza tat-22 ta' Novembru 2005, Mangold (C-144/04, Ġabra p. I-9981, punti 75 *et seq*).

65 — Konklużjonijiet tat-8 ta' Frar 2007, fil-kawża Kofoed (C-321/05, Ġabra p. I-5795, punt 67).

trasposti. Anki l-Avukati Ġenerali Mazák u Ruiz Jarabo Colomer jibżgħu li l-applikazzjoni diretta ta' prinċipji ġenerali tal-liġi *flimkien* mad-direttiva timminaha fir-rigward tal-effetti tagħha u tippreġudika b'hekk il-prinċipju tas-separazzjoni tal-poteri u toħloq nuqqas ta' ċertezza legali [66].

104. Kieku jirriżultaw preċiżament dawn il-konsegwenżi f'dan il-każ: l-obbligi tal-individwi fir-rigward tal-protezzjoni tad-data jitnisslu mid-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplementaw id-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data. L-atteġġament tal-Kummissjoni, minflok, għandu t-tendenza li joħloq obbligi li jmorru kontra d-dispożizzjonijiet nazzjonali. Dan mhuwiex kompatibbli mal-prinċipju taċ-ċertezza legali. Dan imur kontra wkoll id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data li jagħtu lill-Istati membri l-kompitu li jirrikonċiljaw il-protezzjoni tad-data mal-libertà ta' espressjoni.

105. Għalhekk f'dan il-każ huwa irrilevanti jekk il-Finlandja implementatx b'mod korrett l-Artikolu 9 tad-Direttiva 95/46. Il-qorti tar-rinviju għandha tivverifika, minflok, jekk il-miżuri mitlubin fil-konfront ta' Satakunnan Markkinapörssi Oy u ta' Satamedia Oy għandhomx bażi legali fid-dritt nazzjonali. Għal dan l-iskop, il-qorti nazzjonali hija marbuta tinterpreta d-dritt nazzjonali, kemm jista' jkun fid-dawl tat-test u l-għan tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data [67], u skont id-drittijiet fundamentali Komunitarji l-oħrajn [68], biex jintlaħaq ir-riżultat stabbilit fiha. L-obbligu li wieħed jagħti interpertazzjoni konformi hu limitat fl-istess ħin mill-prinċipju taċ-ċertezza legali. Dan jimpedixxi interpretazzjoni *contra legem* tad-dritt nazzjonali [69].

Fuq ir-risposta għat-tieni domanda

106. Fil-qosor, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun fis-sens li l-ipproċessar ta' data personali isir għal għanijiet ġurnalistiċi skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data jekk ikun immirat lejn it-trażmissjoni ta' informazzjoni u opinjonijiet fuq kwistjonijiet ta' interess pubbliku. Hija l-qorti tar-rinviju, abbażi tal-informazz-

66 — Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mazák tal-15 ta' Frar 2007, Palacios de la Villa (C-411/05, Ġabra p. I-8531, punti 133 *et seq*), u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer tal-24 ta' Jannar 2008, Michaeler u Subito GmbH (Kawżi magħquda C-55/07 u C-56/07, Ġabra p. I-3135, punti 21 *et seq*).

67 — Sentenzi tal-10 ta' April 1984, von Colson u Kamann (14/83, Ġabra p. 1891, punt 26); Pfeiffer *et* (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 62, punt 113), kif ukoll tad-19 ta' April 2007, Farrell (C-356/05, Ġabra p. I-3067, punt 42).

68 — Sentenzi Lindqvist (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 18, punt 87); tas-27 ta' Ġunju 2006 Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-540/03, Ġabra p. I-5769, punt 105), kif ukoll Promusicae (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 12, punt 68).

69 — Sentenzi tas-16 ta' Ġunju 2005, Pupino (C-105/03, Ġabra p. I-5285, punti 44 u 47), u tal-4 ta' Lulju 2006, Adeneler *et* (C-212/04, Ġabra p. I-6057, punt 110).

joni kollha oġġettiva li jkollha f'idejha, li għandha tivverifika jekk u sa fejn l-ipproċessar tad-data fiskali, inkwistjoni fil-kawża prinċipali, isirx għal għanijiet ġurnalistiċi.

C — *Fuq it-tielet domanda — L-Artikolu 17 tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data*

107. Bit-tielet domanda l-qorti tar-rinviju tixtieq li jiġi ċċarat jekk l-Artikolu 17 tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data, moqri flimkien mal-prinċipji u l-għanijiet tad-Direttiva, għandux jiġi interpretat fis-sens li l-pubblikazzjoni tad-data miġbura għal għanijiet ġurnalistiċi u l-għoti tagħha ulterjuri sabiex tiġi pproċessata għal skopijiet kummerċjali huma inkompatibbli ma' din id-dispożizzjoni.

108. L-Artikolu 17(1) tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data jirregola s-sigurtà tal-ipproċessar tad-data. Skont din id-dispożizzjoni, l-Istati Membri għandhom jipprovdu li l-kontrollur għandu jimplementa miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex jagħtu protezzjoni lil data personali kontra distruzzjoni aċċidentali jew illegali jew telf aċċidentali, tibdil, żvelar jew aċċess mhux awtorizzat, b'mod partikolari meta l-ipproċessar ikollu x'jaqsam mat-trażmissjoni ta' data fuq network, u kontra kull forma oħra illegali ta' ipproċessar. Filwaqt li tiġi kkunsidrata l-aktar teknika avvanzata u l-ispiża biex ikunu implementati, dawn il-miżuri għandhom jassiguraw livell xieraq ta' sigurtà kontra r-riskji li l-ipproċessar u n-natura tad-data li għandha tkun protetta iġibu magħhom.

109. L-Artikolu 17(1) tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data ġie traspost permezz tal-Artikolu 32(1) tal-Liġi Finlandiża fuq id-data personali. Din hija waħda mill-ftit dispożizzjonijiet fuq il-protezzjoni tad-data li japplikaw ukoll għall-ipproċessar ta' data personali għal għanijiet ġurnalistiċi. Fir-rigward ta' dan il-każ, hu partikolarment ta' interess il-fatt li l-għan hu li jiġi impedut ipproċessar mhux awtorizzat jew illegali tad-data. Li kieku wieħed għandu jifhem dawn il-kunċetti fis-sens li l-kontrollur għandu jiġġarantixxi r-rispett tar-rekwiżiti kollha imposti mid-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data, dawn ir-rekwiżiti jkunu applikabbli, minkejja l-privileġġ mogħti lill-mezzi ta' komunikazzjoni mill-Artikolu 9 tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data, anki għall-ipproċessar ta' data personali għal għanijiet ġurnalistiċi.

110. Madankollu din l-interpretazzjoni tal-Artikolu 17(1) tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data tmur kontra s-sistema tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva. Ġeneralment, din twassal għal applikazzjoni doppja inutli tar-rekwiżiti u, f'dan il-każ, tmur kontra r-rieda evidenti tal-leġiżlatur Finlandiż li jittrasponi l-Artikolu 9 tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data billi teżenta l-ipproċessar ta' data għal għanijiet ġurnalistiċi minn dawn ir-rekwiżiti.

111. Għalhekk, l-Artikolu 17(1) tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data għandu jiġi interpretat b'mod korrett u b'mod konformi mat-

titolu tiegħu "Sigurtà tal-ipproċessar" u mal-motivazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni [70], fis-sens li dan jirrigwarda l-protezzjoni minn indħil estern, u b'mod partikolari minn aċċess illegali min-naħa ta' terzi. Favur interpretazzjoni bħal din hemm b'mod speċjali r-referenza għall-iktar teknika avvanzata fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17(1), referenza li tagħmel sens biss fil-każ ta' miżuri ta' sigurtà tekniċi. Il-kwistjoni ta' liema miżuri huma legali m'għandhiex x'taqsam mal-kwsitjoni ta' iktar teknika avvanzata.

112. Għalhekk, il-leġalità tal-ipproċessar tad-data mhijiex irregolata mill-Artikolu 17(1) tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data imma tirriżulta mir-regoli l-oħrajn applikabbli stabbiliti minn din id-Direttiva.

113. L-interess tal-qorti tar-rinviju forsi jirriżulta wkoll mill-fatt li l-Artikolu 17(2) sa (4) tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data jirrigwarda s-sigurtà tad-data meta tiġi pproċessata minn terzi. F'dan il-kuntest id-data tingħata mill-kontrollur lil terz. Fil-każ in eżami, id-data ngħatat minn Satakunnan Markinapörssi lil Satamedia. Madankollu l-Artikolu 17 ma jistabbilixxi l-ebda rekwiżit partikolari fir-rigward tal-għoti. Id-dispożizzjonijiet dwar it-twettiq tal-ipproċessar minn terzi għandhom l-uniku għan li jiġi assigurat li r-rekwiżiti previsti mill-Artikolu 17(1) fir-rigward tas-sigurtà tal-ipproċessar jiġu osservati wkoll f'każ li d-data tiġi pproċessata minn terzi.

114. Skont dak li pproponew il-maġġoranza tal-partijiet involuti, ir-risposta għat-tielet domanda għandha tkun fis-sens li l-Artikolu 17 tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data ma fiha ebda dispożizzjoni li tirregola l-kwistjoni jekk id-data miġbura għal għanijiet ġurnalistiċi tistax tiġi ppubblikata u tingħata sabiex tiġi pproċesssata għal skopijiet kummerċjali.

D — *Fuq ir-raba' domanda — L-ipproċessar ta' informazzjoni ppubblikata*

115. Fir-raba' domanda l-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk id-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data tistax tiġi interpretata fis-sens li huma totalment esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha s-sistemi ta' ħażna ta' data personali li jkun fihom biss materjal ippubblikat mill-mezzi ta' komunikazzjoni li ma jkunx ġie mibdul.

116. L-isfond ta' din id-domanda huwa l-Artikolu 2(4) tal-Liġi Finlandiża fuq id-data personali. Skont din id-dispożizzjoni, din il-liġi ma tapplikax għal dawk is-sistemi ta'

70 — Ara l-proposta tad-Direttiva tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-persuni dwar l-ipproċessar tad-data personali, COM (1990) 314 def., p. 40, u l-proposta emendata tad-Direttiva tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-persuni naturali fir-rigward tat-trattament tad-data personali kif ukoll għaċ-ċirkolazzjoni libera ta' din id-data, COM (1992) 422, p. 28 *et seq.*

ħażna personali li jkun fihom biss materjal ippubblikat mill-mezzi ta' komunikazzjoni li ma jkunx ġie mibdul.

117. Kif enfasizzaw bir-raġun l-Estonja, il-Portugall u l-Kummissjoni, id-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data ma fiha l-ebda deroga paragunabbli magħha. Anzi, l-premessi 12 u 26 jenfasizzaw espressament li l-prinċipji ta' protezzjoni għandhom japplikaw għall-informazzjoni kollha dwar persuna identifikata jew identifikabbli.

118. Deroga ġenerali favur l-informazzjoni ppubblikata ġġib fix-xejn l-obbligu li l-ipproċessar tad-data jsir għal skopijiet partikoalri, stabbilit fl-Artikolu 6(1)(b) tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data. Fil-fatt, wara li tkun ġiet ippubblikata, id-data tkun tista' tintuża mill-ġdid għal kwalunkwe skop, u indipendentement mill-għanijiet li għalihom tkun inġabret oriġinarjament.

119. Iżda l-Finlandja hi tal-fehma li l-ipproċessar ta' data personali li tkun ġiet ippubblikata huwa ġġustifikat mill-prinċipju tal-libertà ta' espressjoni. Imma, kuntrarjament għall-argument Finlandiż, dan l-argument ma jistax jiġi ġġustifikat mill-fatt li, f'dan il-każ, l-għoti fil-forma ta' servizz ta' SMS hu wkoll inkluż fil-libertà ta' espressjoni. Din il-kunsiderazzjoni hija interessanti biex jiġi vverifikat b'mod partikolari l-argument tal-Iżvezja li tgħid li dan is-servizz jissodisfa r-rekwiżiti imposti mill-Artikolu 9 tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data jew id-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-implementazzjoni Finlandiżi, u b'hekk għandu jgawdi mill-privileġġ mogħti lill-mezzi ta' komunikazzjoni.

120. Madankollu, skont id-dritt Finlandiż, l-ipproċessar tad-data personali li tkun ġiet ippubblikata, b'ebda mod ma huwa suġġett għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 9 tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data. Għalhekk tqum il-kwistjoni jekk il-libertà ta' espressjoni tkoprix ukoll il-libertà li din id-data tiġi pproċessata mingħajr restrizzjonijiet.

121. Il-libertà ta' espressjoni tinkludi, skont l-Artikolu 10(1) KEDB, il-libertà li jiġu rċevuti jew li tingħata informazzjoni jew ideat mingħajr indħil mill-awtoritajiet pubbliċi. Sakemm l-ipproċessar tad-data personali ppubblikata jkun meħtieġ biex jintlaħaq dan il-għan, huwa konsegwentement jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-libertà ta' espressjoni. Madankollu din il-libertà tista' u għandha tiġi limitata sa fejn id-dritt għall-ħajja privata jimpedixxi l-ipproċessar tad-data. Konsegwentement, ma jistax jingħata privileġġ sistematiku għal dan l-ipproċessar. Bil-kontra, għandu jiġi vverifikat kull darba liema dritt fundamentali jirbaħ.

122. Fil-każ ta' informazzjoni ppubblikata li, minnha nfisha, tkun magħrufa b'mod ġenerali, bħala regola għandu jitqies li d-dritt għall-protezzjoni tal-ħajja privata huwa anqas importanti. Madankollu, ma jistax jiġi eskluż li d-dritt għall-ħajja privata jimpedixxi li ċerta informazzjoni tiġi ripetuta jew approfondita permezz ta' pproċessar ulterjuri tal-informazzjoni, bħal per eżempju fil-każ ta' informazzjoni falza, offensiva jew fil-każ ta informazzjoni li tirrigwarda l-ħajja privata.

123. Huwa possibbli li d-derogi għar-rekwiżiti imposti mid-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data jibqgħu jiġu bbażati fuq l-Artikolu 13. F'dan ir-rigward, għandha tiġi kkunsidrata b'mod speċjali l-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta' ħaddieħor skont il-paragrafu 1(g) ta' dan l-Artikolu. Wieħed jista' jimmaġina li l-libertà ta' espressjoni tinkludi fil-Finlandja d-dritt għall-għoti ta' informazzjoni mingħajr restrizzjonijiet ulterjuri mil-lat tal-protezzjoni tad-data. Għandu jitqies ukoll il-fatt li l-ipproċessar ta' informazzjoni ppubblikata jaffettwa d-dritt għall-ħajja privata ħafna inqas mill-ipproċessar ta' informazzjoni kunfidenzjali. F'dan ir-rigward, bla dubju l-Istati membri għandhom poter wiesa' diskrezzjonali.

124. Dan il-poter diskrezzjonali ma jistax ikollu madankollu bħala konsegwenza li d-derogi għall-protezzjoni tad-data jillegalizzaw restrizzjoni li evidentement tkun sproporzjonata għad-dritt għall-ħajja privata. B'hekk, l-ipproċessar ulterjuri ta' informazzjoni personali li jiġi ppruvat li tkun falza, ma jistax jiġi ġġustifikat mill-fatt li din ġiet ippubblikata.

125. Minbarra dan, l-Artikolu 13 tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data ma jawtorizzax li jiġu stabbiliti derogi għad-dispożizzjonijiet kollha tad-Direttiva. Għall-kuntrarju, dawn id-derogi huma limitati għar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Artikolu 6(1) dwar l-ipproċessar tad-data, għad-dritt ta' informazzjoni u għad-dritt ta' aċċess skont l-Artikoli 10, 11(1) u 12 kif ukoll għall-pubblikità tal-ipproċessar skont l-Artikolu 21.

126. Għalhekk hemm bżonn li fir-rigward tar-raba' domanda tingħata risposta fis-sens li s-sistemi ta' ħażna ta' data personali li jkun fihom biss materjal ippubblikat mill-mezzi ta' komunikazzjoni li ma jkunx ġie mibdul jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data.

127. Madankollu anki b'referenza għar-raba' domanda jeħtieġ jitfakkar li d-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data ma tistax, waħedha, toħloq xi obbligu fuq Satakunnan Markkinapörssi Oy u Satamedia Oy. Għall-kuntrarju, għal dan l-iskop hu meħtieġ li tkun teżisti bażi legali fid-dritt nazzjonali, li eventwalment tiġi interpretata skont id-Direttiva fuq il-protezzjoni tad-data imma mhux *contra legem* [71].

71 — Ara aktar 'il fuq punti 99 *et seq.*

V — Konklużjoni

128. Għaldaqstant nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tirrispondi d-domanda preliminari kif ġej:

1. Għandha tiġi kkunsidrata bħala pproċessar ta' data personali skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru, 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data attività li tikkonsisti, kif deskritt fid-domanda preliminari:

   a fil-ġbir ta' data fuq id-dħul minn xogħol u kapital kif ukoll fuq il-patrimonju ta' individwi minn dokumenti pubbliċi tal-awtoritajiet tat-taxxa u fl-ipproċessar tagħha għall-finijiet ta' pubblikazzjoni;

   b fil-fatt li d-data tiġi ppubblikata f'ordni alfabetika u skont il-klassi tad-dħul, fil-forma ta' listi dettaljati kklassifikati skont il-komun;

   c fil-fatt li d-data titqassam ukoll fuq CD-ROM biex tiġi pproċessata għal finijiet kummerċjali;

d fil-fatt li d-data tiġi pproċessata għall-finijiet ta' servizz ta' SMS li jippermetti lil min juża telefown ċellulari, wara li jibgħat l-isem u r-residenza ta' persuna, jikseb b'risposta data fuq id-dħul minn xogħol u kapital kif ukoll fuq il-patrimonju ta' dik il-persuna.

2. L-ipproċessar ta' data personali skont id-Direttiva 95/46 isir għal għanijiet ġurnalistiċi skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 95/46 jekk ikun immirat lejn it-trażmissjoni ta' informazzjoni u opinjonijiet fuq kwistjonijiet ta' interess pubbliku. Hija l-qorti tar-rinviju, abbażi tal-informazzjoni kollha oġġettiva li jkollha f'idejha, li għandha tivverifika jekk u sa fejn l-ipproċessar tad-data fiskali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, isirx għal għanijiet ġurnalistiċi.

3. L-Artikolu 17 tad-Direttiva 95/46 ma fiha ebda dispożizzjoni li tirregola l-kwistjoni jekk id-data miġbura għal għanijiet ġurnalistiċi tistax tiġi ppubblikata u tingħata sabiex tiġi pproċesssata għal skopijiet kummerċjali.

4. Is-sistemi ta' ħażna ta' data personali li jkun fihom biss materjal ippubblikat mill-mezzi ta' komunikazzjoni li ma jkunx ġie mibdul jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 95/46.